MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Numru. 1001/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

vs

**AA1**
**AB1**
**AC1**
**AD1**
**AE1**
**AF1**
**AG1**
**AH1**
**AI1**
**AJ1**
**AK1**
**AL1**
**AM1**
**AN1**

Ilum 17 ta' Settembru 2012

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra

**AA1**

**AB1**

**AC1**

**AD1**

**AE1**

**AF1**

**AG1**

**AH1**

**AI1**

**AJ1**

**AK1**

**AL1**

**AM1**

**AN1**

Talli f'diversi nhawi f'*Omissis*, *Omissis* u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, bejn x-xhur ta' Mejju u Novembru 2004, kif wkoll bejn x-xhur ta'Mejju u Ottubru 2003, f'diversi hinijiet tal-gurnata kif wkoll b'diversi atti maghmulin minnhom, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza u b'ghemil zieni kkorrompew lil BA1, lil BB1, lil BC1, lil BD1, lil BE1, lil BF1, lil BG1 u lil BH1 lkoll minn *Omissis*, lil BI1, lil BJ1, lil BK1, lil BL1, lil BM1 u lil BN1 lkoll minn *Omissis*, lil BO1 mill- *Omissis*, kif wkoll lil BP1 minn *Omissis*, liema delitti saru bi hsara ta' persuni li m'ghalqux l-eta ta' tmintax il-sena u ta' persuna ohra li ghadha m'ghalqitx it-tnax il-sena u liema delitti saru kemm b'theddid u anke b'qerq;
2. Talli kkommettew attentat vjolenti ghal pudur ta' dawn l-imsemmija minorenni;
3. Talli offendew il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku;
4. Talli bla ordni skond il-ligi ta'awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li bihom il-ligi taghti setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil imsemmija minorenni, liema persuni ghadhom kollha taht l-eta ta' tmintax il-sena, kontra l-volunta' taghhom, u liema delitti saru bhala mezz biex persuni jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;
5. Talli bil-hsieb li jestorcu flus jew xi haga ohra jew li jaghmlu qligh jew jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew taw malafama lil BP1 minn *Omissis*, b'liema theddid huma waslu fil-hsieb taghhom, billi nghataw il-flus mitluba minnhom, liema somma flus ma tiskorrix l-elf lira maltin illum ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u telttin centezmi;
6. Talli fil-portijiet, fi xtut l-bahar jew f'lok iehor pubbliku, nezghu gharwenin jew ma kienux liebsa xieraq;
7. Talli f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom;
8. Talli heddew lil imsemmija minorenni bi kliem.

**AA1 biss:**

9. Talli uzat xi sistema jew apparat tat-telekommunikazzjoni provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew

naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamlet uzu minnu mhux sewwa;

10. Talli heddedt lil BD1 u lil BA1 permezz tat-telefon, fosthom li anke ttajjarhom b'karozza;

11. Talli zammet ghandha diversi videos u/jew DVD's pornografici jew oxxeni jew oggetti ohra, ikunu li jkunu, pornografici jew oxxeni;

12. Talli wriet dawn l-istess videos lil imsemmija minorenni f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku;

13. Talli qassmet jew uriet ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettronici ndicenti jew kellha fil-pussess taghha, ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettronici ndicenti;

**AB1, AI1 u AE1 biss:**

14. Talli flimkien ma tlett persuni ohra mhux maghrufa, bi vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' BE1 minn *Omissis*, liema delitt sar bi hsara ta' persuna taht l-eta ta' tmintax il-sena, kif wkoll ta' persuna li ma kienetx tista tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom;

**AH1, AB1 u AA1 biss:**

15. Talli kkommettew attentat vjolenti ghal pudur ta' BE1, liema delitt sar bi hsara ta' persuna taht l-eta ta' tmintax il-sena, u ta'persuna li ma kienetx tista tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom;

**AI1 u AG1 biss:**

16. Talli bi vjolenza kkommettew stupru fuq il-persuni ta' BK1 minn *Omissis* u ta' BP1 minn *Omissis*, liema delitti saru bi hsara ta' persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena;

**AN1 u AB1 biss:**

17. Talli bi vjolenza, kkommettew stupru fuq il-persuna ta’ BB1 minn *Omissis*, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;

**AH1 biss:**
18. Talli kkommetta serq minn diversi karozzi ghad-dannu ta’ diversi sidien mhux maghrufa;
19. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ BP1 billi ttanta jdahhal sigarett mixghul f’ghajnejha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;
20. Talli hedded lil istess BP1 bi kliem ‘nitfi s-sigarett f’ghajnejk’;
21. Talli kkommetta serq ta’ telefon cellulari u ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ persuna ta’ nazzjonalita Ingliza, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur ta’ aktar minn mitt lira maltin;

**AK1 biss:**
22. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ BO1, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;
23. Talli kkommetta serq ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia ghad-dannu ta’ BE1 minn *omissis*, li l-ammont tieghu huwa ta’ inqas minn mitt lira maltin;
24. Talli saq vettura tal-ghamla *Isem* minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
25. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza ta’ sigurta dwar r-riskji ta’ terzi persuni;

**AE1 biss:**
26. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ BO1, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;
27. Talli kkommetta serq ta’ diversi siggijiet w imwejjed u oggetti ohra mill-*post* sitwat f’ *Omissis*, ghad-dannu tas-sid tieghu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;
28. Talli kkommetta serq ta’ telefon cellulari u flus kontanti ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;

29. Talli xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
30. Talli saq vettura minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
31. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

**AI1, AG1 u AL1 biss:**
32. Talli kkommettew stupru fuq il-persuna ta' BP1, liema delitt sar bi hsara ta' persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena;
33. Talli kkommettew serq ta' telefon cellulari kif wkoll flus kontanti ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa ta' nazzjonalita barranija, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;

**AF1 biss:**
34. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' BG1 billi waddab tazza tal-hgieg fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;
35. Talli kkommetta diversi attentati ghal pudur ta' BQ1 minn *Omissis*;
36. Talli kkommetta serq ta' telefon cellulari ghad-dannu ta' BE1 minn *Omissis*, kif wkoll telefon cellulari iehor u flus kontanti ghad-dannu ta' persuna barranija mhux maghrufa, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;
37. Talli saq vettura minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
38. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

**AD1 biss:**
39. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta' BK1, liema delitt sar bi hsara ta' persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena;

**AJ1, AF1, AE1 u AG1 biss:**

40. Talli ffalsifikaw xi biljetti jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati, u cioe karti tal-ghaxar liri, li kienu jafu li huma foloz;
41. Talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonveoli xtraw jew ircievew minghand xi persuna jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom, biljetti ta' flus falsifikati li kienu jafu li l-istess kienu foloz u cioe karti tal-ghaxar liri maltin, li kienu jafu li l-istess huma falsifikati;
42. Talli ghamlu uzu jew xjentement kellhom fil-kustodja jew l-pussess taghhom, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala dik provduta w uzata ghal ghemil ta' xi biljett ta' flus jew ta' xi karta specjali tali;
43. Talli xjentement kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom xi karta li fuqha xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponenti ohra jkunu gw stampati jew b'xi mod iehor maghmula;
44. Talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti falsifikati u cioe karti tal-ghaxar liri maltin foloz;
45. Talli xjentement ghamlu uzu minn flus foloz;

**AB1 biss:**
46. Talli bi vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' BG1 minn *Omissis*, liema delitt sar bi hsar ta' persuna ta' taht t-tmintax il-sena.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, f'kaz ta' htija, tissospendi lil AE1, lil AK1 u lil AF1 mill-licenzji tas-sewqan kollha taghhom, ghal zmien ta' mhux inqas minn tnax il-xahar, minn mindu hekk jinstabu hatja.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija persuni u tal-familjari taghhom, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil istess AA1, AB1, AC1, AD1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AJ1, AK1, AL1, AM1, AN1 u SC[1] b'obligazzjoni taghhom nfushom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

---
[1] M'hemm l-ebda imputat li jismu SC.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali[2] li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fid-diversi artikoli tal-Ligi hemm kwotati.

Rat li hadd mill-imputati ma kellu oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja[3].

Semghet il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tas-sottomissonijiet tal-partijiet; ta' xi uhud maghmula permezz ta' trattazzjoni orali, u ta' ohrajn permezz ta' nota.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri jirrivolvu ma'l-agir ta' l-imputati fil-konfront ta' numri ta' zaghzagh ohra. Kemm l-imputati kif ukoll l-vittmi kienu jiffrekwentaw lil xulxin u jqattaw hafna mill-hin liberu taghhom flimkien fil-perjodu in ezami, cioe fis-snin 2003 u 2004. Kien fid-19 ta' Ottubru 2004 li sar rapport lill-pulizija minn missier BA1 dwar molestji li kienet soffriet fis-sajf ta' dik is-sena. Minn hemm skattat l-investigazzjoni opportuna li wasslet ghall-proceduri odjerni.

## Konsiderazzjonijiet preliminari dwar l-imputazzjonijiet

Illi ai termini tac-citazzjoni u tan-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali kull wiehed/wahda mill-imputati gew adebbietati b'diversi imputazzjonijiet li tmienja minnhom huma komuni ghall-imputati kollha.

Illi minn qari tac-citazzjoni u ezami tan-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali jidher li l-artikoli elenkati

---

[2] A fol 1039 et seq.
[3] Verbal a fol 1090.

fin-nota li a bazi taghhom fil-fehma ta’ l-Avukat Generali tista’ tinstab htija m’humiex identici ghal dawk elenkati fic-citazzjoni, fis-sens li hemm imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni li m’humiex inkluzi fin-nota ta’ l-Avukat Generali u vice-versa.

**L-imputazzjonijiet kontra AA1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AA1** erbatax (14) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta’ minorenni b’theddid u qerq u cioe ta’ BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta’ BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Li ma kenitx liebsa xieraq jew kienet gharwiena f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Li kienet fis-sakkra b’mod li ma setghtex tiehu hsieb taghha innifisha **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f’l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Uzu ta’ apparat telefoniku ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut **(l-imputazzjoni numru 9)**;
- Theddied permezz ta’ telefon fil-konfront ta’ BD1 u BA1 **(l-imputazzjoni numru 10)**;
- Zamma ta’ videos u/jew DVD’s pornografici **(l-imputazzjoni numru 11)**;
- Uriet dawn il-videos u/jew DVD’s lil persuni minorenni **(l-imputazzjoni numru 12)**;
- Tqassim ta’ ritratti films jew xbihat elettronici indicenti jew indicenti **(l-imputazzjoni numru 13)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ BE1 **(l-imputazzjoni numru 15)**.

Illi fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta’ l-istess **AA1** is-segwenti artikoli:
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 208A tal-Kodici Kriminali.

Illi d-disgha (9) imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni tipprospetta reat ipotizzat taht il-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fin-nota ta’ l-Avukat Generali m’hemm l-ebda referenza ghal xi dispozizzjoni taht il-Kapitolu 339. La darba m’hemm l-ebda referenza ghall-artikolu relattiv fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizju ta’ l-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disgha (9) imputazzjoni.

**L-imputazzjonijiet kontra AB1**
Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AB1** tnax (12) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta’ minorenni b’theddid u qerq u cioe ta’ BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta’ BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f’l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BE1 **(l-imputazzjoni numru 14)**;

- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ BE1 **(l-imputazzjoni numru 15)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BB1 **(l-imputazzjoni numru 17)**;
- Stupru fuq BG1 **(l-imputazzjoni numru 46)**.

Illi fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta’ l-istess **AB1** is-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kaodici Kriminali;
b) 18 u 198 tal-Kodici Kriminali.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonjiet tieghu AB1 ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghal dawk li jikkoncernaw stupru vjolenti u sekwestru ta’ persuna[4].

**L-imputazzjonijiet kontra AC1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AC1** tmien (8) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta’ minorenni b’theddid u qerq u cioe ta’ BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta’ BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f’l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**.

[4] A fol 1719 tal-process.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' l-istess **AC1** s-segwenti artikoli:
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 198 tal-Kodici Kriminali.

Illi fil-waqt li fin-nota ta'l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghal stupru, fic-citazzjoni m'hemm l-ebda imputazzjoni dwar stupru fil-konfront ta' AC1.

Illi l-imputat AC1 ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ammetta xi imputazzjonijiet; huwa ammetta l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet[5].

**L-imputazzjonijiet kontra AD1**
Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AD1** disgha (9) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru fuq BK1 **(l-imputazzjoni numru 39)**.

[5] A fol 1717 tal-process.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AD1** is-segwenti artikoli:
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 198 tal-Kodici Kriminali.

**L-imputazzjonijiet kontra AE1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AE1** wiehed u ghoxrin (21) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BE1 **(l-imputazzjoni numru 14)**;
- Stupru fuq BO1 **(l-imputazzjoni numru 26)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta'*stabbiliment* **(l-imputazzjoni numru 27)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna mhux maghrufa **(l-imputazzjoni numru 28)**;
- Ricettazzjoni **(l-imputazzjoni numru 29)**;
- Sewqan ta' vettura minghajr licenzja **(l-imputazzjoni numru 30)**;

- Sewqan ta’ vettura minghajr kopertura ta’ polza ta’ assigurazzjoni **(l-imputazzjoni numru 31)**;
- Falsifikazzjoni ta’ flus **(l-imputazzjoni numru 40)**;
- Pussess ta’ flus falsifikati **(l-imputazzjoni numru 41)**;
- Pussess u/jew uzu ta’ karta li tghaddi bhala dik provduta ghal ghemil ta’ flus **(l-imputazzjoni numru 42)**;
- Pussess ta’xi karta li fuqha gew stampati kliem figuri marki, ologrammi **(l-imputazzjoni numru 43)**;
- Uzu ta’ dokument falsifikat **(l-imputazzjoni numru 44)**;
- Uzu ta’ flus foloz **(l-imputazzjoni numru 45)**.

Illi fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta’ **AE1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 18, 198, 261(c)(f), 267, 270, 279, 280 u 334 tal-Kodici Kriminali;
c) 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-erbghin (40), il-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42), it-tlieta u erbghin (43), l-erbgha u erbghin (44), u l-hamsa u erbghin (45) il-imputazzjoni jirriferu rispettivament ghar-reati ipotizzati f’l-artikoli 45(1), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kaptilou 204 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta) u f’l-artikoli 189 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fin-nota ta’l-Avukat Generali l-ebda wiehed minn dawn l-artikoli huma kwotati.

Illi la darba m’hemm l-ebda referenza ghall-artikoli relattivi fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizju ta’ l-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-erbghin (40), il-wiehed u erbghin (41), it-tnejn u erbghin (42), it-tlieta u erbghin (43), l-erbgha u erbghin (44), u l-hamsa u erbghin (45) il-imputazzjoni in kwantu jirreferu ghal dan l-imputat.

## L-imputazzjonijiet kontra AF1

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AF1** dsatax (19) imputazjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Attentat ta' ferita gravi fuq BG1 **(l-imputazzjoni numru 34)**;
- Attentat vjolenti fuq il-pudur ta' BQ1 **(l-imputazzjoni numru 35)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' BE1 u serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna barranija **(l-imputazzjoni numru 36)**;
- Sewqan minghajr licenzja **(l-imputazzjoni numru 37)**;
- Sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni **(l-imputazzjoni numru 38)**;
- Falsifikazzjoni ta' flus **(l-imputazzjoni numru 40)**;
- Pussess ta' flus falsifikati **(l-imputazzjoni numru 41)**;
- Pussess u/jew uzu ta' karta li tghaddi bhala dik provduta ghal ghemil ta' flus **(l-imputazzjoni numru 42)**;
- Pussess ta'xi karta li fuqha gew stampati kliem figuri marki, ologrammi **(l-imputazzjoni numru 43)**;
- Uzu ta' dokument falsifikat **(l-imputazzjoni numru 44)**;

- Uzu ta’ flus foloz **(l-imputazzjoni numru 45)**.

Illi fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta’ **AF1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 41(1)(a), 216, 169, 189, 261(c)(f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali;
c) 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 45 tal-Kapitolu 204.

Illi l-imputazzjoni numru hamsa u tletin (35) hija dwar attenta vjolenti ghall-pudur ta’ certu BQ1. Ai termini ta’l-artikolu 544(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-azzjoni f’kaz ta’ dan ir-reat tista’ ttiehed biss bil-kwerela tal-parti offiza liema kwerela, ai termini ta’l-artikolu 545 ta’l-istess Kapitolu 9, tista’ tigi rtirata fi kwalunkwe stadju sa kemm tinghata s-sentenza finali.

Illi meta l-imsemmija BQ1, li hija maggorrenni, dehret quddiem din il-Qorti biex taghti d-depoizzjoni taghha hija rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali[6]. Ghalhekk il-procediment fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi l-erbghin (40), il-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni jirreferu rispettivament ghar-reati ipotizzati f’l-artikoli 45(1), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kaptilou 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Att dwar il-Bank Centrali ta’ Malta. Fin-nota ta’l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikolu 45 ta’dan il-Kapitolu 204 pero m’hemmx referenza ghall-artikoli 46 u 47.

Illi la darba m’hemm l-ebda referenza ghall-artikoli relattivi fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizju ta’ l-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni in kwantu jirreferu ghal dan l-imputat.

---

6 Ref l-ahhar sentenza tad-depozizzjoni a fol 861/2.

**L-imputazzjonijiet kontra AG1**
Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AG1** sbatax (17) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BK1 u BP1 **(l-imputazzjoni numru 16)**;
- Stupru fuq il-persuna ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 32)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna barranija **(l-imputazzjoni numru 33)**;
- Falsifikazzjoni ta' flus **(l-imputazzjoni numru 40)**;
- Pussess ta' flus falsifikati **(l-imputazzjoni numru 41)**;
- Pussess u/jew uzu ta' karta li tghaddi bhala dik provduta ghal ghemil ta' flus **(l-imputazzjoni numru 42)**;
- Pussess ta'xi karta li fuqha gew stampati kliem figure marki, ologrammi **(l-imputazzjoni numru 43)**;
- Uzu ta' dokument falsifikat **(l-imputazzjoni numru 44)**;
- Uzu ta' flus foloz **(l-imputazzjoni numru 45)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AG1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 18, 198, 169, 189, 261(c)(f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali;
c) 45 tal-Kapitolu 204.

Illi l-erbghin (40), il-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni jirreferu rispettivament ghar-reati ipotizzati f'l-artikoli 45(1), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta. Fin-nota ta'l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikolu 45 ta'dan il-Kapitolu 204 pero m'hemmx referenza ghall-artikoli 46 u 47.

Illi la darba m'hemm l-ebda referenza ghall-artikoli relattivi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tieta u erbghin (43) il-imputazzjoni in kwantu jirreferu ghal dan l-imputat.

**L-imputazzjonijiet kontra AH1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AH1** tlettax (13) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;

- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' BE1 **(l-imputazzjoni numru 15)**;
- Serq aggravat bil-valur u l-hin minn diversi karozzi a dannu ta' persuna mhux maghrufa **(l-imputazzjoni numru 18)**;
- Attentat ta' ferita gravi fuq BP1 **(l-imputazzjoni numru 19)**;
- Theddied fil-konfront ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 20)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita barranija **(l-imputazzjoni numru 21)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AH1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 18, 261(c)(f), 267, 270, 279, 280, 41(1)(a) u 216 tal-Kodici Kriminali.

**L-imputazzjonijiet kontra AI1**

Illi fic-citazzjoni elenkati kontra **AI1** hemm tnax (12) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;

- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BE1 **(l-imputazzjoni numru 14)**;
- Stupru fuq BK1 u BP1 **(l-imputazzjoni numru 16)**;
- Stupru fuq BP1 **(l-imputazzjoni numru 32)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna barranija **(l-imputazzjoni numru 33)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AI1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 18, 198, 261(c)(f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali.

**L-imputazzjonijiet kontra AJ1**
Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AJ1** erbatax (14) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;

- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Falsifikazzjoni ta' flus **(l-imputazzjoni numru 40)**;
- Pussess ta' flus falsifikati **(l-imputazzjoni numru 41)**;
- Pussess u/jew uzu ta' karta li tghaddi bhala dik provduta ghal ghemil ta' flus **(l-imputazzjoni numru 42)**;
- Pussess ta'xi karta li fuqha gew stampati kliem figuri marki, ologrammi **(l-imputazzjoni numru 43)**;
- Uzu ta' dokument falsifikat **(l-imputazzjoni numru 44)**;
- Uzu ta' flus foloz **(l-imputazzjoni numru 45)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AJ1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 45 tal-Kapitolu 204, u 169, 189 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-erbghin (40), il-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni jirreferu rispettivament ghar-reati ipotizzati f'l-artikoli 45(1), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kaptilou 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta. Fin-nota ta'l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikolu 45 ta'dan il-Kapitolu 204 pero m'hemmx referenza ghall-artikoli 46 u 47.

Illi la darba m'hemm l-ebda referenza ghall-artikoli relattivi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni in kwantu jirreferu ghal dan l-imputat.

**L-imputazzjonijjiet kontra AK1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AK1** tnax (12) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta’ minorenni b’theddid u qerq u cioe ta’ BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta’ dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b’eghmil li sar f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta’ BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f’post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f’l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru fuq BO1 **(l-imputazzjoni numru 22)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta’ BE1 **(l-imputazzjoni numru 23)**;
- Sewqan ta’ vettura minghajr licenzja **(l-imputazzjoni numru 24)**;
- Sewqan ta’ vettura minghajr kopertura ta’ polza ta’ assigurazzjoni **(l-imputazzjoni numru 25)**.

Illi fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta’ **AK1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 198, 261(c)(f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali;
c) 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghandu jigi rilevat li t-tlieta u ghoxrin (23) il-imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni tirreferi ghal serq semplici in kwantu tirreferi ghal serq ta’ oggett ta’ valur ta’ anqas minn mitt Lira Maltin minghajr l-addebietu ta’ xi aggravju iehor. Fin-nota ta’ l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 li jirreferu ghal serq aggravat bil-valur

u l-hin. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li r-reat ta' serq semplici huwa reat minuri kompriz u involut f'dak l-aktar gravi ta' serq aggravat konsegwentement din l-imputazzjoni tista' tittiehed in konsiderazzoni.

**L-imputazzjonijiet kontra AL1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AL1** ghaxar (10) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru fuq BP1 **(l-imputazzjoni numru 32)**;
- Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna barranija **(l-imputazzjoni numru 33)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AL1** s-segwenti artikoli

a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;

b) 198, 261(c)(f), 267, 270, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali;

**L-imputazzjonijiet kontra AN1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AN1** disgha (9) imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;
- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**;
- Stupru bi vjolenza fuq BB1 **(l-imputazzjoni numru 17)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AN1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali;
b) 198 tal-Kodici Kriminali;

**L-imputazzjonijjet kontra AM1**

Illi fic-citazzjoni hemm elenkati kontra **AM1** tmien imputazzjonijiet li huma:

- Korruzzjoni ta' minorenni b'theddid u qerq u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena **(l-imputazzjoni numru 1)**;
- Attentat vjolenti ghall-pudur ta' dawn l-imsemmija persuni **(l-imputazzjoni numru 2)**;

- Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 3)**;
- Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija **(l-imputazzjoni numru 4)**;
- Estorsjoni a dannu ta' BP1 **(l-imputazzjoni numru 5)**;
- Ma kienx liebes xieraq jew kien gharwien f'post pubbliku **(l-imputazzjoni numru 6)**;
- Kien fis-sakkra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifisu **(l-imputazzjoni numru 7)**;
- Theddied bi kliem kontra l-persuni imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni **(l-imputazzjoni numru 8)**.

Illi fin-nota ta' l-Avukat Generali hemm kwotati fil-konfront ta' **AM1** s-segwenti artikoli
a) 18, 203, 207, 209, 86, 87, 250, 249, 338(q), 338(ff) u 533 tal-Kodici Kriminali.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu l-imputat AM1 ammetta l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[7]

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet li ser jittiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti huma s-segwenti:

❖ Korruzzjoni, b'theddid u qerq, ta' minorenni u cioe ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1 li uhud minnhom kienu ghadhom ma ghalqux it-tnax (12) il-sena; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 1** elenkata fic-citazzjoni.

❖ Attentat vjolenti ghall-pudur ta' BA1, BB1, BC1, BD1, BE1, BF1, BG1, BH1, BI1, BJ1, BK1, BL1, BM1, BN1, BO1 u BP1; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 2** elenkata fic-citazzjoni.

❖ Offiza tal-pudur u l-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 3** elenkata fic-citazzjoni.

[7] A fol 1702.

❖ Sekwestru tal-persuni fuq imsemmija; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 4** elenkata fic-citazzjoni.

❖ Estorsjoni a dannu ta' BP1; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 5** elenkata fic-citazzjoni.

❖ Ma kienux liebsa xieraq jew kienu gharwiena f'post pubbliku; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 6** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Kienu fis-sakkra b'mod li ma setghux jiehdu hsieb taghhom innifishom; din fil-konfront ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 7** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Theddied bi kliem; din fil-konfont ta'l-imputati kollha --- **l-imputazzjoni numru 8** elenkata fic-citazzjoni.

❖ Theddied permezz tat-telefon fil-konfront ta' BD1 u BA1; din fil-konfront ta' AA1 --- **l-imputazzjoni numru 10** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Iz-zamma ta' videos u DVD's pronografici jew oxxeni; din fil-konfront ta' AA1 --- **l-imputazzjoni numru 11** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Gew murija videos u DVD's pornografici jew oxxeni lill-minorenni; din fil-konfront ta' AA1 --- **l-imputazzjoni numru 12** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Tqassim ta' ritratti, films videos indicenti; din fil-konfront ta' AA1 --- **l-imputazzjoni numru 13** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru bi vjolenza fuq BE1; din fil-konfront ta' AB1, AI1 u AE1 --- **l-imputazzjoni numru 14** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Attentat vjolenti ghall-pudur ta' BE1; din fil-konfront ta' AH1, AB1 u AA1 --- **l-imputazzjoni numru 15** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru fuq BK1 u BP1; din fil-konfront ta' AI1 u AG1 --- **l-imputazzjoni numru 16** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru fuq BB1; din fil-konfront ta' AN1 u AB1 --- **l-imputazzjoni numru 17** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq minn diversi karozzi; din fil-konfront ta' AH1 --- **l-imputazzjoni numru 18** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Attentat ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' BP1; din fil-konfront ta' AH1 --- **l-imputazzjoni numru 19** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Theddied fil-konfront ta' BP1; din fil-konfront ta' AH1 --- **l-imputazzjoni numru 20** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita ingliza; din fil-konfront ta' AH1 --- **l-imputazzjoni numru 21** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru fuq BO1; din fil-konfront ta' AK1 --- **l-imputazzjoni numru 22** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq ta' mobile phone a dannu ta' BE1; din fil-konfront ta' AK1 --- **l-imputazzjoni numru 23** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura ta' tip *Isem* minghajr licenza; din fil-konfront ta' AK1 --- **l-imputazzjoni numru 24** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura ta' tip *Isem* minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni; din fil-konfront ta' AK1--- **l-imputazzjoni numru 25** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru (iehor) fuq BO1; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 26** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq aggravat bil-valur u hin a dannu ta' *Stabbiliment*; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 27** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq agravat bil-valur u hin a dannu ta' persuni mhux maghrufa; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 28** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Ricettazzjoni; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 29** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura minghajr licenza; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 30** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni; din fil-konfront ta' AE1 --- **l-imputazzjoni numru 31** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru (iehor) fuq BP1; din fil-konfront ta' AI1, AG1 u AL1 --- **l-imputazzjoni numru 32** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq agravat bil-valur u hin a dannu ta' persuni mhux maghrufa; din fil-konfront ta' AI1, AG1 u AL1 --- **l-imputazzjoni numru 33** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' BG1; din fil-konfront ta' AF1 --- **l-imputazzjoni numru 34** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Serq ta' mobile phone a dannu ta' BE1 u serq ta' mobile a dannu ta' persuna mhux maghrufa; din fil-

konfront ta' AF1 --- **l-imputazzjoni numru 36** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura minghajr licenza; din fil-konfront ta' AF1 --- **l-imputazzjoni numru 37** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni; din fil-konfront ta' AF1 --- **l-imputazzjoni numru 38** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru iehor fuq BK1; din fil-konfront ta' AD1 --- **l-imputazzjoni numru 39** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Falsifikazzjoni ta' flus; din fil-konfront ta' AJ1, AF1, u AG1 --- **l-imputazzjoni numru 40** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Uzu ta' dokumenti foloz; din fil-konfront ta' AJ1, AF1, AE1 u AG1 --- **l-imputazzjoni munru 44** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Uzu ta' flus foloz; din fil-konfront ta' AJ1, AF1, AE1 u AG1 --- **l-imputazzjoni munru 45** elenkata fic-citazzjoni;

❖ Stupru fuq BG1; din fil-konfront ta' AB1 --- **l-imputazzjoni numru 46** elenkata fic-citazzjoni.

Illi in succinct ir-reati in ezami huma s-segwenti, u aktar 'l isfel fis-sentenza ser jigu trattati f'din is-sekwenza:

- Stupru
- Korruzzjoni ta' minorenni;
- Attentat vjolenti ghall-pudur;
- Offiza tal-pudur u morali b'eghmil li sar fil-pubbliku
- Sekwestru ta' persuna;
- Zamma u tixrid ta' pornografija jew materjal indecenti;
- Estorsjoni;
- Theddied;
- Attentat ta' feriti gravi;
- Serq aggravat;
- Ricettazzjoni;
- Uzu ta' dokumenti falsifikati;
- Sewqan minghajr licenzja;
- Sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni;
- Kienu gherwienin fil-pubbliku;
- Kienu fis-sakra fil-pubbliku.

## Konsiderazzjonijiet generali dwar il-provi

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri il-prosekuzzjoni ressqu diversi persuni li taw id-depozizzjoni taghhom.

Illi xehed l-Ispettur Anthony Cassar; l-ewwel darba mal-prezentata ta'l-imputati taht arrest propju biex jiggustifika l-arrest taghhom; it-tieni darba meta kien qed jaghti lil din il-Qorti rendikont ta' l-investigazzjoni li mexxa u r-rizultanzi ta' l-istess investigazzjoni.

Illi naturalment xehedu ukoll kull wahda mill-allegati vittmi. B'referenza ghad-depozizzjoni ta' dawn it-tfajliet ghandu jigi rilevat li jidher mid-depozizzjoni ta' l-Ispettur Cassar li huma taw aktar dettalji lilu f'l-istadju ta' l-investigazzjoni milli taw fid-depozizzjoni taghhom. Il-Qorti pero, ai fini ta' prova ammissibbli, tista' tiehu konjizzjoni biss ta' dak li huma qalu quddiemha u mhux dak li qalu lill-Ispettur.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhieda lil:

- *Persuna*, omm BP1; *Persuna* u *Persuna*, il-genituri ta' BG1; *Persuna* omm BO1; *Persuna*, omm BD1; *Persuna* missier BA1; *Persuna*, omm BC1; u *Persuna* omm BE1. Dawn xehdu biex spjegaw kif saru jafu dwar il-fatti mertu ta' dawn il-proceduri u xi kambjamenti li raw f'uliedhom bhala konsegwenza ta' dak li gara.
- Id-diversi pulizija li assistew ghat-tehied ta'l-istqarrijiet ta' l-imputati.
- Christopher Darmanin (in rapprezentanza ta'l-awtorita kompetenti) biex jghid jekk uhud mill-imputati kellhomx licenzja tas-sewqan.
- Joseph Borg u Dr Robert Tufigno (in rapprezentanza ta' Vodafone u Go rispettivament) biex jghatu xi informazzjoni dwar skambju ta' telefonati u SMS's.
- Dr Stephen Farrugia Sacco biex jipprezenta r-rapport tieghu ukoll dwar skambju ta' telefonati u SMS's.
- PS 964 Robert Scicluna nominat mill-Qorti biex jiehu ritratti ta'l-imputati.

- Certu BQ1 biex tirrakkonta xi fatti dwar wiehed mill-imputati; din waqt id-depozizzjoni taghha irtirat il-kwerela.
- *Persuna* propjetarju tal-*Stabbiliment* dwar l-imputazzjoni ta' serq fil-konfront tieghu.

Illi ghandu jinghad li ghalkemm dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta wara l-eghluq tal-provi tal-prosekuzzjoni hija kellha l-opportunita tara u tisma d-depozizzjonijiet ta'l-allegati vittmi, tfajliet imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni, peress li d-depozizzjoni giet registrata permezz ta' *video*.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala prova l-istqarrijiet ta'l-imputati; dawn kienu rilaxxjati fis-sena 2004 u konformament ma' dak li kienet tipprovdi l-Ligi dak in-nhar l-imputati ma kienux inghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat qabel ma rrilaxxjaw tali stqarrijiet. In linea ma' diversi decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali mghotija in materja dan il-Qorti mhiex ser tiehu dawn l-isqtarrijiet in konsiderazzjoni.

Illi wiehed mill-imputati, AE1, offra d-depozizzjoni tieghu.

Illi fuq talba taghhom gew prezentati ukoll, mill-ufficjali tal-probation nominati ghal dan il-ghan, Social Inquiry Report ta'l-imputati kollha hlif AH1 u AL1 li ma talbux li jsir tali rapport fil-konfront taghhom ukoll.

Illi mill-provi processwali jirrizulta li kwazi l-imputati kollha ghandhom laqam u l-allegati vittmi jirrefru ghalihom bil-laqam taghhom. Mill-atti[8] jirrizultaw dawn il-laqmijiet:

- **AB1** **il-AB2**
- **AC1** **il-AC2**
- **AD1** **il-AD2**
- **AE1** **il-AE2**
- **AF1** **il-AF2**
- **AI1** **il-AI2**
- **AH1** **ta'AH2**
- **AK1** **il-AK2**
- **AL1** **il-AL2**

[8] B'mod partikolari mir-rapporti (SIR) ta'l-ufficjali tal-probation.

- **AN1** **il-AN2**
- **AM1** **il-AM2**

Illi ghandu jinghad li fil-kors tad-depozizzjoni taghhom uhud mit-tfajliet jirreferu ghal xi imputat b'laqam differenti minn dak hawn fuq indikat. Huma pero gew mitluba jghidu ukoll isem dak l-imputat li jkun qed jirreferu ghalih. Fil-fatt uhud mit-tfaljiet identifikaw lil xi imputati b'laqmijiet differenti minn dawk fuq elenkati; ghalhekk **AN1** gieli gie indikat bhala **il-AN3** jew **AN4**; **AH1** bhala **AH3.**

## Kunsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar l-applikazzjoni tal-provi prodotti

Illi din il-Qorti bhal kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali hija marbuta b'regoli precizi li ghandhom jigu applikati f'l-apprezzament tal-provi prodotti waqt li dawn ikunu qed jigu applikati ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra imputat. A skans ta' ekwivoci, u anke in vista ta' xi sottomissjonijiet li saru da parti ta'l-imputati l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-principji regolaturi li ser jiggwidawha f'l-apprezament tal-provi.

Illi r-reita ta'l-imputat trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubbju dettat minn raguni. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni[9]. L-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning:

[9] Ref Pulizija vs Peter Ebejer 09.12 1997

*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*. [10]

Illi l-prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar prova li f'hafna drabi tkun il-*corpus delicti*; pero fin-nuqqas tal-corpus delicti ma tistghax tigi eskluza kompletament kull reita ta'l-imputat. F'dan ir-rigward l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet li

*Ovvjament il-prezenza fizika ta'l-oggetti … kienet tikkostitwixxi l-ahjar prova, izda, fil-mankanza tal-ahjar prova, bhal ma jigri f'hafna kazijiet, wiehed irid jirrikorri ghas-secondary evidence jew provi indiretti jew cirkostanzjali ... il-mankanza tal-corpus delicti … li kien ikun l-ahjar prova tal-prosekuzzjoni, jirrendi biss il-kompitu tal-prosekuzzjoni ferma aktar difficili fi-sens li l-oneru tal-prova, li hu u jibqa fuq il-prosekuzzjoni, gie rez ferm aktar gravuz. Il-fatt li hemm nuqqas materjali tal-corpus delicti f'kaz partikolari, ma jfissirx necessarjament illi ghalhekk wiehed ikun impossibli ghalih sabiex ragonevolment u legalment jsib htija f'dak li jkun.* [11]

Illi l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji kompliet biex tikkwota gurisprudenza ohra fejn gie riaffermat li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumatances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[12].

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali kompliet hekk[13]:

---

[10] Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372.
[11] Pulizija vs Joseph Gauci et deciza 05/10/1998.
[12] Ref R vs Taylor 21 CRIM App R 21.
[13] Ref Pulizija vs Joseph Gauci et op cit.

*Din il-linja u principju gew segwieti anke hawn Malta u senjatament f'l-Appell Kriminali …… fejn intqal li l-prova indizjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, tavolta hija tali li tipprova fatt bu precizjoni matematika.*

Illi f'dan ir-rigward pero huwa importanti ukoll dak li precizat l-istess Qorti ta' l-Appell li

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference.*[14]

Illi f'kaz ta' kunflitt fil-provi mbaghad, jew cahda da parti ta'l-imputat tal-fatti li qed ikunu imputati lilu mhux necessarjament ghandu jigi liberat. Hawn ukoll pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

*Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' … u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*[15]

Illi principju iehor li huwa ben stabbilit u li jrid jiggwida lil din il-Qorti jirreferi ghall-fatt li xhud wiehed jekk emmnut huwa sufficjenti biex tinstab htija minghajr il-bzonn ta' korroborazzjoni. Fil-fatt il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet diversi drabi li

---

[14] Ref Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader deciza 09/06/1998 b'referenza ghall dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet 'Teper v The Queen*' [1952]AC 480, 489.*

[15] Ref Pulizija vs *Omissis* Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

*Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija.*[16]

Illi fattur iehor importanti iehor hafna, partikolarment f' process bhal dan in ezami, hu li l-aprezament tal-provi ghandu jsir mhux b'mod spezzettat. L-analizi tal-provi ghandu jsir f'l-assjem taghhom sa biex il-gudikant jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragonevili u legali jista' jaghtihom. Ghalhekk ghalkemm fil-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar kull imputazzjoni partikolari l-Qorti ser taghmel referenza ghal dawk il-fatti strettament relevanti ghal dik l-imputazzjoni, l-analizi u l-interpretazzjoni taghhom qed issir fid-dawl ta'l-assjem tal-provi kollha.

Illi finalment ghandhu jigi rilevat li n-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali

*… skond is-subartikolu 3 ta'l-artikolu 370 … tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju skond l-artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li ma li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali naturalment jista' jnaqqas reat jew reati anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta'rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat*.[17]

## L-imputazzjonijiet

### L-imputazzjonijiet dwar stupru

[16] Ara per ezempju Pulizija vs Antoine Cutajar deciza 16/03/2001.
[17] Ref Pulizija vs Michael Carter Apell Kriminali deciz 07/12/2001.

Illi imputazzjonijiet dwar stupru hemm tmienja (8); dawn huma:

- L-erbatax (14) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BE1; imputazzjoni migjuba kontra AB1, AI1 u AE1.
- Is-sittax (16) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BK1 u BP1; imputazzjoni migjuba kontra AI1 u AG1.
- Is-sbatax (17) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BB1; imputazzjoni migjuba kontra AN1 u AB1.
- It-tnejn u ghoxrin (22) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BO1; imputazzjoni migjua kontra AK1.
- Is-sitta u ghoxrin (26) il-imputazzjoni dwar strupu fuq BO1; imputazzjoni migjuba kontra AE1.
- It-tnejn u tletin (32) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BP1; imputazzjoni migjuba kontra AI1, AG1 u AL1.
- Id-disgha u tletin (39) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BK1; imputazzjoni migjuba kontra AD1.
- Is-sitta u erbghin (46) il-imputazzjoni dwar stupru fuq BG1: imputazzzjoni migjuba kontra AB1.

Illi ghalhekk jidher li ghal dak li jikkoncerna lil:

- BE1 hemm imputazzjoni wahda li hija migjuba kontra AB1, AI1 u AE1;
- BP1 hemm zewg imputazzjonijiet: wahda kontra AI1 u AG1; u l-ohra kontra AI1, AG1 u AL1;
- BK1 hemm zewg imputazzjonijiet: wahda kontra AI1 u AG1; u l-ohra kontra AD1;
- BO1 hemm zewg imputazzjonijiet: wahda migjuba kontra AK1 u l-ohra migjuba kontra AE1;
- BG1 hemm imputazzjoni wahda, migjuba kontra AB1; u
- BB1 hemm imputazzjoni wahda migjuba kontra AN1 u AB1.

Illi ai termini ta' l-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li

*kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati …*

Illi essenzjalmenti r-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe l-introduzzjoni jew il-

penetrazzjoni ta’ l-organu genitali ta’ persuna f’l-organu genitali ta’ persuna ohra. Dan il-kongungiment m’hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox, huwa bizzejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.

Illi ghalhekk l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali; li jkun maghmul kontra l-volonta tal-vittma, bi vjolenza.

Illi skond gurisprudenza kostanti

*… il-Ligi taghna, in tema ta’ stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali jkun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista’ tkun fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien). Il-Ligi, pero`, ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta’ vjolenza li trid tigi wzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta’ sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta’ kawza u effett, ta’ mezz u fini. Fi kliem Maino: ‘… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l’intensita`, i caratteri, l’idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l’eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l’intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L’indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e nonostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si reduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita” (op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk ma huwiex il-kaz … li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun*

*hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irrezistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha*.[18]

Illi jinghad ukoll li gudikant "*ghandu jaghraf id-differenza bejn kunsens u l-hakma …. There is a difference between consent and submission; every consent involves a submission, but it by no means follows that every submission involves consent*.[19]

Illi dwar il-provi in sostenn ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami ghandu jinghad ukoll li b'l-eccezzjoni tal-kaz ta' l-allegat stupru fuq BO1 da parti ta' AE1 l-unika prova li hemm f'kull kaz tohrog mid-depozizzjoni ta' dik il-vittma partikolari. Fil-kaz ta' l-istupru fuq BO1 l-imputat AE1 xehed u ta l-verzjoni tieghu tal-fatti. Fil-verita huwa jaghmel referenza ukoll ghal wiehed mill-episodji li jikkoncerna lil BE1 pero sempliciment biex jinnega l-involviment tieghu.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li ghalkemm fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar kull wahda mill-imputazzjonijiet issa in ezami ser tirreferi primarjament ghal dawk il-brani mid-depozizzjonijiet ta' kull allegata vittma li jirreferu ghall-fatti strettament relevanti ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ser taghmel din l-analizi f'l-isfond tad-dinamika ta' dan il-grupp ta' zaghzagh liema dinamika tirrizulta mill-kumpless kollu tal-provi prodotti.

<u>Stupru fuq BB1</u>

Illi l-imputazzjoni numru sbatax (17) li hi migjuba kontra AN1 u AB1, tirreferi ghal xi incident li fih il-vittma kienet BB1. F'l-atti processwali pero ma tirrizulta l-ebda prova dwar xi stupru li seta' gie kommess fuq BB1**.** BB1 ma ssemmi l-ebda fatt li jista' jinkwadra ruhhu fir-reat ta' stupru. Fid-depozizzjoni taghha[20] BB1 tirrakkonta diversi fatti li jistghu jinkwadraw ruhhom f'l-imputazzjonijiet dwar

[18] Ref Pulizija vs James Demanuele Appell Kriminali deciza 02/10/2000.
[19] Ref Pulizija vs *Omissis* Qorti tal-Magistrati Kump Numru 376/2007 deciza 24/02/2012.
[20] A fol 333 et seq.

reati ohra (inkluz attentat vjolenti ghal pudur u korruzzjoni ta' minorenni) u li ser jigu trattati aktar 'l isfel pero ma tirrakkonta xejn li jista' jindika li kienet vittma ta' stupru. Lanqas ix-xhieda l-ohra kollha prodotti ma semmew xi fatti li jistghu jinkwadraw ruhhom f'xenarju ta' stupru fuq BB1.

Illi huwa car ghalhekk li s-sbatax (17) il-imputazzjoni ma tirrizultax.

Stupru fuq BE1

Illi BE1 tirrakkonta zewg episodji[21]: wiehed li jikkoncerna lill-imputat AB1 wahdu; u episodju iehor li jikkoncerna lill-imputati AE1, AI1 u AC1 u tlett persuni ohra li hija ma kenitx kapaci tidentifika.

Illi dwar l-ewwel episodju BE1 tghid li kienet iltaqghat ma' AB1 (il-AB2) li qallha biex tmur x'inkien mieghu. Hi hasset li ma kellhiex ghazla hlif li tmur mieghu u bdew mexjin f'post li ma kenitx daqstant familjari mieghu sa kemm waslu f'l-appartamenti abbandunati *post*; dawn kienu fid-dlam tant li BE1 tghid li kienet ser tikser saqajha waqt li kienet tiela' it-tarag. Dahlu f'xi kamra, li kien fiha il-hmieg, u AB1 nezzaghha gharwiena, neza' hu ukoll u "*dahhal il-parti tieghu fil-parti tieghi*". Hi tkompli tirrakkonta li "*kelli xebgha twerwir u bdejt nibza' u rrid nibki u ma nistghax u ghaddiet…. meta kien ilesti jghidli lesta tista' tilbes".* Mistoqsija mill-Qorti qaltlux xi haga waqt dan l-episodju BE1 irrispondiet *"ghidtlu li ma rridx .. u qalli "u ejja" u jien ghdiltlu jekk jien ma rridx mela int tista' tikkmanda lili … u ried bil-fors. Jiena ma stajt maghmillu xejn ghax jekk nahrab jaghtini xebgha, jekk ma naghmilx dak li jghidli hu jaghtini xebgha, ma stajt naghmillu xejn aktar*. BE1 qalet li wara dak l-episodju hassa mwegga' hafna u li fil-ghaxija meta marret it-toilet rat id-demm. Qalet ukoll li AB1 kien qallha li jekk titkellem fuq l-incident kien jaghtiha xebgha.

Illi dwar it-tieni episodju BE1 tirrakkonta li kien hemm okkazzjoni fi zmien il-festa meta ltaqghat ma' AE1 (il-AE2) u AI1 (il-AI2) u bdew jinkuha ghax kienet liebsa dubblet u

[21] Hi taghmel referenza ghalihom a fol 647, 649, 659/60 u 661/2/3.

anke qalulha biex tmur x'inkien maghhom. Marret maghhom u waslu f'post li wara saret taf li kien wara l-muzew; hemm l-ewwel mar AE1 fuqha u hi qaltlu biex ihalliha bi kwieta u li kienet ser titlaq. Fi kliema: "*ghidtlu u x'ejja, jien ser imur lil hemm … u pruvajt nohrog minn-naha l-ohra, jiena ghaditlu ha mmur jien la ser tipprova toqghod taghmilli hekk, imbaghad pogga bil-qeghda fit-tarag u ridni naghmel mieghu bil-fors dan il-bniedem, u ghdit x'ser naghmel, nipprova niccaqlaq minn hawn u ghidt jekk niccaqlaq minn hawn jaghtini xebgha ara kemm kont nibza minnhom u ghamilt mieghu… hu bilqeghda u jien bilqeghda fuqu… l-ohrajn kienu in-naha t'isfel fil-kantuniera … hu gabha ma'l-art… u gie il-AI2* (AI1) *warajh u ghidt ara kif qed nispicca u dan l-istess u warajh gie iehor*." Mistoqsija mill-Qorti jekk qalitx lil AI1 li ma tridx li jkollha x'taqsam mieghu BE1 qalet li "*Le ghax tant dak il-hin bdejt insir nobghodhom*". BE1 tkompli tirrakkonta kif wara AI1 kellha tirrepeti l-istess azzjoni ma' erbgha guvintur; tlieta minnhom ma' tafhomx[22] u l-ahhar wiehed kien l-imputat AC1.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[23] AE1 jinnega kwalunkwe involvement f'dan il-kaz u jichad li qatt kellu x'jaqsam ma' BE1.

Illi ma kien hemm l-ebda xhud iehor li ta xi taghrif dwar dan l-incident pero BG1 tirrakkonta[24] li darba kienet qeghda mal-klikka u xi hadd semma lil BE1; peress li hi ma kenitx tafha staqsiet min hi u huma qalulha u qaluhla ukoll li sitta minnhom kellhom x'jaqsmu maghha.

Illi kif ntqal aktar 'l fuq imputazzjoni li tikkoncerna lil BE1 wahda hemm u din hija migjuba kontra AB1, AI1 u AE1.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci testwalment l-imputazzjoni in ezami; din tghid hekk:

---

[22] Fil-verita BE1 tghid li dwar il-hames wiehed kienet taf biss li jismu *isem*; l-ebda wiehed mill-imputati ma jismu *isem*.
[23] A fol 1581.
[24] Depozizzjoni a fol 472.

*Lil AB1, lil AI1 u AE1 biss:*
*Flimkien ma' tlett persuni ohra mhux maghrufa, bi vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' BE1 minn Omissis, liema delitt sar bi hsara ta' persuna taht l-eta ta' tmintax il-sena, kif ukoll ta' persuna li ma kenitx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati inkella minhabba mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom*

Illi tenut kont tad-depozizzjoni ta' l-istess BE1 u tal-mod kif giet formulata l-imputazzjoni issa in ezami huwa car li din qed tirreferi ghal episodju wiehed partikolari, cioe meta tlieta mill-imputati (indikati bhala AB1, AI1 u AE1) flimkien ma' tlett persuni ohra ikommetew stupru fuq BE1. Ghalhekk jidher li il-prosekuzzjoni qed tillimita l-imputazzjoni fir-rigward biss tat-tieni episodju rrakkontat minn BE1 u li kien jikkoncerna sitt persuni. Konsegwentement il-Qorti ser tiskarta dik il-parti tad-depoizizzjoni fejn gie irrakkontat l-ewwel episodju li kien jikkoncerna lil AB1 wahdu[25].

Illi permezz ta' l-imputazzjoni issa in ezami t-tlett imputati hemm imsemmija qed jigu addebitati bir-reat ta' stupru kontemplat f'l-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kwalifika tal-vjolenza prezunta ai termini ta'l-artikolu 201(b).

Illi pero fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, fil-konfront tat-tlett imputati koncernati, fil-waqt li hemm elenkat l-artikolu 198 m'hemmx elenkat ukoll l-artikolu 210(b). Ai termini ta' dan l-artikolu meta jigi pruvat li s-suggett passiv ta' stupru jkollu xi marda tal-mohh jew tal-gisem, jew li b'xi mod kienet tirrizulta fil-konfront tieghu wahda mic-cirkostanzi elenkat f'dik id-dispozizzjoni tal-Ligi, tiskatta l-prezunzjoni ta' vjolenza. La darba dan l-artikolu 210(b) ma giex kwotat mill-Avukat Generali, u in vista ta'l-osservazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq dwar in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, il-Qorti ma tistax tipprezumi l-vjolenza fil-kaz in ezami[26].

---

[25] Naturalment il-Qorti ser tiehu dan l-episodju in konsiderazzjoni f'l-apprezzament tal-provi jekk u meta jkun relevanti ghal xi imputazzjonijiet ohra elenkati fic-citazzjoni.
[26] Fil-verita ma tressqet l-ebda prova dwar xi kundizzjoni li jista' jkollha BE1.

Illi fir-rakkont taghha dwar it-tieni episodju BE1 taghmel referenza specifika ghal AI1, AE1 u AC1 pero fil-konfront ta' dan l-imputat m'hemm l-ebda imputazzjoni fic-citazzjoni li taghmel referenza ghar-reat ta' stupru. Ghandu jinghad li fin-nota tar-rinvju ghall-gudizzju ta 'l-Avukat Generali fejn jelenka l-artikoli a bazi ta' liema tista' tinstab htija fil-konfront ta' AC1 hemm elenkat ukoll l-artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'liema artikolu hemm ipotizzat r-reat ta' stupru. Pero, la darba permezz ta' dan l-artikolu l-Avukat Generali zied l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' AC1 minghajr ma ntalbet korrezzjoni tac-citazzjoni, il-Qorti ma tistghax tippronunzja ruhha fil-konfront ta' l-imputat AC1 dwar ir-reat ta' stupru li seta' avvera ruhu fil-konfront ta' BE1.

Illi ghalkemm fic-citazzjoni l-imputazzjoni dwar stupru kommess minn sitt persuni hija migjuba kontra AB1 ukoll fir-rakkont ta' BE1 dwar dan l-incident AB1 ma jissemmiex. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta fil-konfront tieghu.

Illi tenut kont ta' dawn hawn suespost il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra jekk mill-provi rizultanti jissussistiex ir-reat ta' stupru fil-konfront ta' AI1 u AE1 b'referenza ghat-tieni episodju rakkontant minn BE1.

Illi BE1 ma tesprimix ruhha b'l-aktar mod intelligibbli pero dan il-fatt fih innifsu m'ghandux ifisser li d-depozizzjoni taghha ghandha tigi skartata jew li ghandha tigi meqjusa a priori bhala xhud mhux kredibbli. Anzi ghandu jinghad li minkejja li waqt d-depozizzjoni taghha bdiet taqbez minn suggett ghall-iehor u minn episodju ghall-iehor baqghet konsistenti fid-dettalji li bdiet taghti; in oltre hija kienet konsistenti ukoll ma dak li kienet irrakkontat f'l-istadju ta'l-investigazzjoni lill-pulizija. Tenut kont ta' dan u ta'l-assjem tal-provi l-Qorti hija konvinta li l-episodju sehh kif irrakkontatu BE1 u li kien hemm kongungiment karnali ma' sitt persuni u li tnejn minnhom AE1 u AI1.

Illi l-kwistjoni li trid tigi rizolta issa hija jekk dawn l-atti sehhew kontra l-volonta ta' BE1, u dan billi tezamina c-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-istat ta' sahha u l-forzi tas-suggett attiv u s-suggett passiv, u **t-temperament jew karattru taghhom**. Fil-fehma tal-Qorti BE1 ghamlet dak kollha li hija kienet kapaci taghmel biex turi li ma riditx rapporti sesswali ma' dawk il-guvintur u li l-atti sehhew ghaliex fis-sitwazzjoni li hija nstabghet fiha hija hasbet li kellha tissottometti ghalihom.

Illi ghahekk fil-fehma tal-Qorti l-erbatax (14) il-imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata; dan pero fil-konfront ta' AI1 u AE1 biss.

<u>Stupru fuq BP1</u>

Illi fid-depozizzjoni taghha BP1 issemmi li kellha rapporti sesswali ma' AI1 (il-AI2) u AN1 (AN4)[27]; hi isemmi tlett episodji.

Illi dwar l-ewwel episodju ma' AI1, BP1 tirrakkonta li kienu qeghdin *post* u l-ewwel beda jbusha u mbaghad qallha "*inza ghax irridu naghmlu*" u hi fehmet li rid ikollu rapporti sesswali maghha; hi qaltlu li ma riditx pero hu qallha li jekk ma kienx ser ikun dak in-nhar darba ohra bil-fors kien ser ikun, nizzlilha z-zip nehhielha j-jeans "*ntefa fuqi beda jdahhlu u beda jweggani….. jien bdejt ninbuttha u beda jighdli u ejja ftit iehor baqa, ghal bidu bil-fors twegga, imbaghad lesta. … gabha ma'l-art u hekk, mbaghad jien ilbiest, kont imbikkma.*

Illi meta mistoqsija dwar l-episodju tar-rapport li kellha ma' AN1, BP1 tghid hekk: "*imma dik qisha m'ghandhiex x'taqsam … ghax qisna t-tnejn li ahna ridna … li nohrog mieghu u naghmel is-sess mieghu*".

Illi mbaghad BP1 tirrakkonta episodju iehor li kien jikkoncerna lil AI1 (il-AI2). Hi tghid li kienu marru ghand AE1 (il-AE2) u AI1 qallha biex tintefa' fuq is-sodda pero hi bdiet tisthi ghax kien hemm il-guvintur l-ohra pero meta dawn telqu 'l hemm, *ntfajt fuq is-sodda, nezzaghli l-qalziet*

[27] A fol 585 sa 589.

*u ntefa' fuqi u beda jdahhlu imbaghad ma setghax idahhlu u qalli mela ghal llum daqshekk, ilbisna u morna l-kazin…"*

Illi imputazzjonijiet li jikkoncernaw lil BP1 hemm tnejn: is-sittax (16) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AI1 u AG1; u t-tnejn u tletin (32) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AI1, AG1 u AL1.

Illi dwar l-imputazzjonijiet issa in ezami mid-depozizzjoni ta' BP1 johorgu tlett episodji li fihom kellha rapporti sesswali: tnejn ma' AI1 u wiehed ma' AN1.

Illi f'l-ebda parti tad-depozizzjoni taghha ma ssemmi lil AG1 jew lil AL1 f'dan il-kuntest; ghalhekk (u in vista tal-fatt li hadd mix-xhieda l-ohra ma jaghti xi informazzjoni dwar episodji ta' stupru subiti minn BP1) iz-zewg imputazzjonijiet (numru sittax [16] u tnejn u tletin [32]) in kwantu jirreferu ghal AG1 ma jistghux jirrizultaw, hekk kif ma tistax tirrizulta l-imputazzjoni (numru tnejn u tletin [32]) in kwantu tirreferi ghal AL1.

Illi f'l'ebda wahda miz-zewg imputazzjonijiet issa in ezami ma jissemma AN1 ghalhekk il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tar-rapport sesswali li kien jikkoncerna lilu (li fi kwalunkwe kaz jidher li kien konsenswali).

Illi l-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra z-zewg imputazzjonijiet fil-konfront ta' AI1.

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubbju li kien hemm kongungiment karnali kif definit ai fini ta' dan ir-reat ta' stupru, u dan fiz-zewg episodji ghaliex ghalkemm fit-tieni okkazzjoni ma kienx hemm penetrazzjoni shiha BP1 tghid li "*beda jdahhlu*" u skond il-gurisprudenza bidu ta' penetrazzjoni huwa sufficjenti biex jissussisti l-kongungiment karnali.

Illi l-vera kwistjoni li trid tigi rizolta hija l-volonta o meno da parti ta' BP1 ghat-twettieq ta' l-atti in ezami.

Illi dwar it-tieni episodju cioe dak li sehh fil-kamra tas-sodda ta' AE1 l-Qorti hija tal-fehma li mir-rakkont taghha stess BP1 tindika kjarament li dak li sar ma' AI1 kien

konsenswali. Jidher li r-riluttanza li kellha biex tippartecipa f'atti sesswali ma' AI1 f'dik l-okkazzjoni ma kenitx tikkoncerna l-atti li kien qed jipproponi AI1 fihom infishom imma kienet aktar naxxenti mill-fatt li kien hemm xi guvintur ohra jittawlu mill-bieb tal-kamra ts-sodda u bdiet tisthi. Hi fil-fatt tirrakkonta li malli dawn il-guvintur telqu 'l hemm ***ntfajt***[28] *fuq is-sodda, nezzaghli l-qalziet u ntefa' fuqi u beda jdahhlu*; kienet hi minn jeddha li marret fuq is-sodda u ma jidhirx li offriet xi kwalunkwe tip ta' rezistenza ghal dak li xtaq jaghmel AI1.

Illi dwar l-ewwel episodju li sehh *post* jidher li BP1 offriet rezistenza fil-bidu, meta kienu qed jitbewwsu u qalla biex tinza; f'dak l-istadju fehmet li rid ikkollu x'jaqsam maghha u qaltlu li ma riditx. Rinfaccjat bir-rifjut AI1 qallha li jekk ma jkunx dak in-nhar, darba ohra bil-fors trid taghmel; ma jidhirx li minn dak l-istadju offriet xi rezistenza. Kien biss waqt il-penetrazzjoni meta hi bdiet twegga li bdiet timbuttah. Hu pero beda jghidilha '*u ejja ftit iehor baqa*" u li "*ghal bidu bil-fors twegga*".

Illi fil-fehma tal-Qorti f'dan l-istadju ghandha ssir referenza ghar-risposti ghal xi domandi li saru lil din ix-xhud mill-Qorti wara li rrakkontat it-tieni episodju (cioe dak li sehh fil-kamra ta' AE1):

*Qorti:* *Kont tiehu gost b'dawn l-incidenti?*
*Xhud;:* *Le*
*Qorti:* *U ghidtilhom?*
*Xhud:* *Le*
*Qorti:* *Ghidtlu xi haga lil-AI2?*
*Xhud:* *Le.* ***Meta kont mort post ma kontx hadt pjacir***.

Illi minn dan il-bran jidher li dak li dejjaq lil BP1 f'l-incident *post* kien la ma kenitx hadet pjacir.

Illi l-Qorti lanqas ma tista tinjora l-informazzjoni li tohrog mid-dokumenti esebieti dwar skambju ta' telefonati u SMS's bejn BP1 u AI1. Mid-depozizzjon taghha jirrizulta li

[28] Sottolinear tal-Qorti.

xi wiehed minn dawn l-episodji sehh f'l-14 ta' Awissu 2004[29]. Jidher ukoll li minn dak in-nhar hija baqghat tikkomunika mieghu permezz tal-mobile phone anke pendenti lite. In oltre kien hemm episodji meta BP1 hallset lil x'uhud mill-guvintur biex jirrangawlha ma' AI1[30].

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir referenza ukoll ghall-fatt li BP1 kienet pruvat tikkometti suwicidju[31] u x'dawl jista' jista' fuq l-imputazzjonijiet in ezami. Dan il-gest ta' BP1 ma jidhirx li kien rizultat dirett ta' xi trauma li setghet ghaddiet minnha minhabba l-episodji ta' dawn ir-rapporti sesswali imma aktar minhabba li kienet qed thoss l-enormita ta' dak kollu li kienet ghamlet dak is-sajf (b'mod partikolari s-serq ta' flus minghand zijitha)[32] issa li ommha saret taf b'kollox.

Illi tenut kont ta' dan kollu fil-fehma tal-Qorti l-element intenzjonali rikjest biex jissussisti r-reat ta' stupru migjuba kontra l-imputat AI1 fiz-zewg imputazzjonijiet issa in ezami ma giex pruvat fil-grad rikjest mil-Ligi.

Illi ghalhekk is-sittax imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal stupru fuq BP1 u t-tnejn u tletin imputazzjoni ma gewx pruvati.

<u>Stupru fu BK1</u>

Illi BK1 tirrakonta tlett episodji: l-ewwel wiehed li kien jikkoncerna lil AF1, u sehh f'zewg partijiet l-ewwel fil-karozza ta' AK1 (il-AK2) imbaghad kompla *post* ; l-iehor kien jikkoncerna lil AI1 (il-AI2) u sehh *post* ; u l-ahhar episodju kien jikkoncerna li AD1 u sehh *omissis*

Illi dwar l-ewwel episodju BK1 tirrakkonta[33] li kienet qeghda ma' shabha meta gie AF1 fuqha u quddiem

---

[29] Ref depozizzjoni a fol 592.
[30] Ref depozizzjon in kontro-ezami a fol 609/610 u 613 et seq.
[31] Ref depozizzjoni a fol 602.
[32] Kif ser jirrizulta aktar 'l isfel fis-sentenza.
[33] Depozizzjoni a fol 694 et seq.

kullhadd qallha biex imorru ha jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin; hi nbelghat u rrifjutat. AF1 baqa' jiffittaha, jghajjat u jidghi u f'daqqa fetah il-karozza ta' AK1 (il-AK2) qabadha minn darha b'sahha u tefaghha fil-karozza; ghalaq il-bieba u dahal fil-karozza hu ukoll, nizzel is-*seats* u beda jinza'. BK1 tispjega li hi qaltlu li ma ridtiex li jkollha x'taqsam mieghu pero "*xorta beda jidghi u kelli ninza, nezzaghli l-qalziet u l-qalziet ta' taht u beda jkollu x'jaqsam mieghi*. Hi tkompli tirrakkonta li gew uhud minn shabhom u bdew jittawlu fil-karozza u AF1 qallhom biex jitilqu 'l hemm. F'dak il-mument "*jien kelli l-opportunita biex naqbad u nitlaq u qbabt tellajt kollox, ftaht il-bieba u tlaqt, izda hu hareg, gie jigri warajja u prova jikkalmani u hekk u ghidtlu biex jitlaq, mbaghad qabadli idi u hadni post …. Imbaghad kif konna qeghdin hemm qalli biex nerga ninza u hekk, u jiena ma ridtx izda bil-fors kelli mbaghad, jiena xtaqt nghidlu biex jieqaf u li ma ridtx, ridt nurih li ma ridtx ninza u jkolli x'naqsam mieghu, imma ma stajtx u ma stajx naghmel xejn aktar, nezzaghni. … nezgha gherwien … u kellu x'jaqsam mieghi… mbaghad x'hin lesta qalli imxi ha mmorru, qalli imxi tlaqna 'l hemm, u nizilna*".

Illi dwar it-tieni episodju BK1 tirrakonta[34] li kien hemm okkazzjoni meta kienet ma' AA1, AI1 (il-AI2) u AG1 u bdew mixjin lejn *post* . Dak il-hin diga bdiet thossha skomda u esprimiet dawn il-hsiebijiet ma' AA1 u qaltilha li ma riditx li jkollha x'taqsam mal-AI2, pero din qaltilha li jekk tirrifjuta lil AI1 kienet ser twaqqaw ghac-cajt. Fi kliem BK1, meta waslu fejn kellhom jaslu "*il-AI2 qalli issa jien hallini jkolli x'naqsam mieghek u lil AG1 erdahhulu u jien ma ridtx u hassni skomda u kont preparata li nghidilhom le zgur it-tnejn …. tlajna fuq u l-AI2 qalli biex ninza u ma ridtx* ***ghall-ewwel*** *ghax imbaghad gie AG1 u hekk u waqt li kien qed ikollna x'naqsmu flimkien jien u l-AI2 dahal xi tlett darbiet AG1 u ghidtlu jitlaq u x'hin lestejt mal-AI2 dahal AG1 u ghamel il-parti tieghu ma halqi, mbaghad ma ridtx li nkompli jien u kif mxejt gholla l-qalziet u hargu u telqu ….. jigru ....*

[34] Depozizzjoni a fol 697/8 et seq.

It-tielet episodju li tirrakonta BK1[35] jikkoncerna lill-imputat AD1; dan gara meta, flimkien ma' BO1 u AJ1, marru dawra bil-karozza ta' AJ1; spiccaw *Omissis* wara l-*Omissis*. Qaghdu ftit fil-karozza meta f'xi hin BO1 u AJ1 hargu mill-karozza. Hekk kif kienu wahedhom fil-karozza AD1 beda *jintreghda* maghha u nizlu fis-*seat* ta' quddiem u hu neza bil-parti tieghu barra. BK1 tkompli tghid hekk: "*jien ma ridtx nohrog mieghu ahseb u ara kemm naghmel mieghu, u hassejnti mdejjqa hafna, u qabad u nezzaghni, u hekk, kellu x'jaqsam mieghi u dak il-hin hassni vera mdejjqa. Imbaghad kif lesta … regghu gew AJ1 u BO1*".

Illi imputazzjonijiet li jikkoncernaw lil BK1 hemm tnejn: is-sittax (16) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AI1 u AG1; u d-disgha u tletin (39) il-imputazzjoni migjuba kontra AD1.

Illi f'l-ewwel episodju rakkontat minnha BK1 timplika lil AF1 biss, pero m'hemm l-ebda imputazzjoni dwar stupru migjuba kontra dan l-imputat. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tippronunzja ruhha dwar il-fatti ta'l-ewwel episodju rakkontat minn BK1 ai fini ta'l-imputazzjoniet ta' stupru[36].

Illi tenut kont taz-zewg imputazzjonijiet issa in ezami jidher li s-sittax (16) il-imputazzjoni tirreferi ghat-tieni episodju rakkontat minn BK1 u d-disgha u tletin (39) imputazzjoni tirreferi ghat-tielet episodju rakkontat minn din ix-xhud.

Illi anke f'dawn l-episodji jirrizulta kjarament li kien hemm il-kongungiment karnali rikjest mill-Ligi ai fini tar-reat ta' stupru f'l-ewwel kaz ma' AI1 u fit-tieni kaz ma' AD1; dak li jrid jigi rizolt huwa jekk kienx hemm vjolenza da parti ta'imputati**.** Bhal ma jigri f'xi kazijiet il-provi li a bazi taghhom il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-vittma qaghdet ghall-atti minhabba sottomessjoni (bhala rizulta ta' vjolenza morali ezercitata da parti tas-suggett attiv) jew ghaliex verament kienet qed takkonsentixxi (*submission* kif opposta ghal *consent*) m'humiex hafna.

[35] Depozizzjoni a fol 698/70.
[36] Hawn ukoll il-Qorti ser tiehu dan l-episodju in konsiderazzjoni f'l-apprezzament tal-provi jekk u meta jkun relevanti ghal xi imputazzjonijiet ohra elenakti fic-citazzjoni.

Illi dwar it-tieni episodju kif rakkontat minn BK1 jidher li jekk kien hemm xi pressjoni ezercitata fuqha din giet ezercitata minn AA1 u mhux minn AI1 ghaliex dejjem skond ir-rakkont ta' BK1 kienet AA1 li pruvat tikkonvinciha. Jidher li waqt li kienu ghadhom sejrin *post* kien ghaddej process mentali waqt liema BK1, minkejja dak li qaltilha AA1, kienet irrizolviet li tghid le ghal kwalunkwe attivita sesswali. Meta waslu *post* , AI1 propona lil BK1 li hu jkollu x'jaqsam maghha u li lil *AG1* "*terdahhulu*"; BK1 tghid li hi ma riditx u kienet rezoluta li tghid li le ghalkemm ma jirrizultax li sa dik il-hin tatu xi twiegiba negattiva ghall-proposta tieghu; baqghu telghin f'xi appartament u meta waslu AI1 qallha biex tinza. Hi ghall-ewwel ma riditx *ghax imbaghad beda jidhol AG1 u waqt li kien qed ikollna x'naqsmu dahal xi tlett darbiet AG1 u jien ghidtlu jitlaq*. Mir-rakkont kollu dwar dan l-episodju pero b'mod partikolari minn dan il-bran ma jirrizultax li mal-mument li telghu fuq AI1 ghamel xi haga ohra hlif li qallha biex tinza u hi nezghat; in oltre dak li kien qed idejjaqha jidher li kien li *AG1* kien qed jidhol jittawwal. Aktar minn hekk l-unika haga li ghamlet meta dahal dawk it-tlett darbiet kien li tghid **lilu** (cioe lil *AG1*) biex jitlaq. Dwar meta mbaghad hi u AI1 **lestew**[37] rega' dahal *AG1* u qeghed il-parti tieghu ma halqha, BK1 tghid li *imbaghad **ma ridtx inkompli** jiena* u fil-fatt imxiet 'l hemm u kif imxiet 'l hemm (*AG1*) tella' l-qalziet.

Illi tenut konut ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li, fil-waqt li ma kien hemm l-ebda kongungiment karnali ma' *AG1* (ghaliex ma jirrizultax li huwa dahhal il-parti tieghu f'halq BK1 imma sempliciment ressaq vicin ta' halqha), ma tezistiex prova 'l hemm minn dubbju dettat mir-raguni li BK1 verment offriet rezistenza ghall-atti li xtaq AI1.

Illi ghalhekk is-sittax (16) il-imputazzjoni in kwantu tirrigwarda stupru fuq BK1 ma tirrizultax pruvata.

Illi dwar it-tielet episodju rakkontat minn BK1, u li huwa il-mertu tad-disgha u tletin (39) il-imputazzjoni, dak li jirrizulta huwa li BK1, AD1 u zewgt ihbieb ohra marru

[37] Fil-fehma tal-Qorti hija rilevanti l-aghzla tal-kelma "lestejna" kif opposta ghal "lesta"

dawra bil-karozza, waslu *omissis* u t-tnejn l-ohra hargu mill-karozza; meta spiccaw wahedhom BK1 u AD1 nizlu fis-seats ta' quddiem (f'dan l-istadju jidher li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti ta' BK1) mbaghad AD1 hareg il-parti tieghu barra u skond BK1 *jien ma ridtx nohrog mieghu ahseb u ara kemm naghmel mieghu, u hassejnti mdejjqa hafna, u qadad u nezzaghni, u hekk, kellu x'jaqsam mieghi u dak il-hin hassni vera mdejjqa.*

Illi anke f'dan il-kaz ir-rakkont taghha ma juriex li BK1 ghamlet xi tentattiv minimu kemm hu minimu biex turi lil AD1 li ma riditx ikollha x'taqsam mieghu. Jekk dak li fil-fatt gara (il-konguniment karnali) kien oltre dak li hija kienet preparat ghalih, jew possibilment xtaqet taghmel mieghu, meta nizlu fis-seats ta' quddiem, ma jidhirx li hija ghamlet xi haga biex lil AD1 turih lil hi ma xtaqitx tmur oltre.

Illi ghalhekk anke din id-disgha u tletin (39) il-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

<u>Stupru fuq BG1</u>

Illi BG1 ukoll tirrakkonta tlett episodji li kollha jikkoncernaw lill-imputat AB1: l-ewwel episodju sehh *post* ; it-tieni episodju sehh fi sqaq hdejn l-iskola, u t-tielet wiehed fil-bahar.

Illi dwar l-ewwel episodju BG1 tispjega li kien hemm okkazjoni meta AB1 qallha li ried ikellimna u hadha *post* ; dahlu f'xi kamra u sakkar il-bieb. Hi tkompli tispjega hekk: "*jien bdejt ningibed lura ghax mohhi seta' jahseb x'kien se jaghmel, u pogga sink hdejn il-bieb u ma flahtux u ma stajtx dak, u insomma rnexxielu jkollu x'jaqsam mieghi … ghidtlu hallini ha mmur u li kont qed inwegga u beda jidhaq"*. Dwar kif beda l-att fih innifsu BG1 qalet hekk "…. *imbuttani fuq saqqu, zammli idejja u prova inehhili l-flok u ergajt nizziltu u hu jzommli idi nehhielhi l-buttuna tal-jeans u z-zip u rnexxielu jigbdu u ma stajtx inqum ghax kien fuqi. Imbaghad hareg il-parti tieghu u ressaqli l-qalziet ta'*

*taht fil-genb u rnexxilu idahhlu. ….. zvergnani …. gabha fuq is-saqqu f'l-art*".

Illi dwar it-tieni episodju BG1 tirrakkonta[38] hekk: … "*kont tieghla d-dar gie warrajja u hdejn l-iskola hemm qisu sqaq lejn post u hadni hemm u ghax pruvajt ningibed u tajthielu go wiccu rega' tahieli lura … u ghamilt gimghatejn bi tbengil fuq wicci ….. baxxini, dawwarni rasi mal-hajt u rega' l-istess kellu x'jaqsam mieghi … dahhal il-parti tieghu …. u wara li lesta mesah mal-hajt … pruvajt nahrab … imma ma stajtx, hu guvni hu x'inhu u ghandu sahha aktar minni u meta konna mal-hajt qaghad hekk qisu warrajja u ma stajtx niccaqlaq*".

Illi dwar it-tielet episodju, dejjem ma' l-imputat AB1, BG1 tirrakonta[39] li kienu l-bahar u waqt li kienet qed tghum ghejjiet, ghalhekk marret tistrih ma' yacht. AB1 gie minn waraha qabadha minn qaddha u kellu x'jaqsam maghha. BG1 tghid li pruvat tinqala minn mieghu imma fil-bahar kien difficli, hu kien qed izommha u hi bdiet tipprova ma teriqx ghax fejn kienu fond hafna; pruvat tilaq pero hu ghandu sahha aktar minnha u ma setghatx tlahhaq mieghu. Dak in-nhar, kuntrarjament ghas-soltu, ma marritx id-dar wahedha, imma malli telghat lura fuq il-blat cemplet lil ommha biex tigi ghaliha.

Illi ghandu jigi rilevat li fid-depozizzjoni taghha[40] eventwalment BG1 qalet ukoll li meta l-affarijjet hargu fil-berah "*kont ghidt ahjar jew naqbez minn fuq il-bejt, kont nasal fi stat li nkun ser naqbez u tigi zzomni ommi….. darba kont qeghda wahdi u sibt panadols u ghidt, ha forsi nitlaq, u hadthom ma' l-inbid imma ghal xejn*".

Illi l-imputazzjoni li tikkoncerna lil BG1 hija s-sitta u erbghin (46) wahda li hija migjuba fil-konfront ta' AB1.

Illi mir-rakkont ta' din ix-xhud il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kien hemm il-kongungiment karnali rikjest ai termini ta'l-artikolu 198 u li dan sar kontra l-volonta tal-

[38] A fol 464 et seq.
[39] A fol 468.
[40] A fol 470.

vittma BG1 u li hi uriet lil AB1 li hi ma riditx li jkollha rapporti sesswali mieghu u li skond ic-cirkostanzi ta' dak il-hin ghamlet dak kollhu li setghet biex tirreziesti dawn l-atti.

Illi konsegwentement din is-sitta u erbghin (46) il-imputazzjoni tirrizulta sodisacjentement pruvata.

Stupru fuq BO1

Illi BO1 tirrakkonta zewg episodji: wiehed jikkoncerna lil AK1 (il-AK2) u l-iehor lil AE1 (il-AE2).

Illi dwar l-ewwel episodju ma tantx tghid wisq ix-xhud. Hi tirrakkonta[41] li kien hemm okkazjoni meta kienu qeghdin fil-karozza hi u l-AK2 u beda jbaghbasha u fi kliemha: "*jien ghidtlu biex jieqaf, imbaghad kompla u beda jghidli nhobbok u jiena hsiebtu li vera jhobbni ghax jien kont nohrog mieghu, imbaghad kelli naqa"*. Aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni taghha ghall-mistoqsija tal-Qorti ghaliex halliet lill-AK1 jkollu x'jaqsam maghha l-istess BO1 tghid[42] li "*ghax mbaghad qisni bdejt ningibed lejh ukoll*".

Illi dwar l-episodju li kien jikkoncerna lil AE1, BO1 tirrakkonta[43] li kienet dahlet fil-karozza tieghu biex tisma d-diski u "*gie jigri u ghalaq il-bibien u sakkarhom u ghalaq it-twieqi u beda jbaghbasni u jien ma ridtx, fil-fatt ftaht il-bieba biex ninzel, u rega ghalaqha u kompla jbaghbasni u kellu x'jaqsam mieghi*".

Illi kif diga ntqal AE1 ukoll ta l-verzjoni tieghu dwar dan l-incident[44]. Huwa jikkonferma li kien hemm episodju meta kellu rapport sesswali ma' BO1 u li dan gara fil-karozza tieghu. Hu jghid li kien fil-karozza jisma diski meta dahlet BO1 hdejh; bdiet tghidlu li tixtieq tohrog mieghu u meta hu qallha li diga kien hareg maghha hi qaltlu li mhux hekk biss trid; qaltlu biex itella' l-hgieg u hu hekk ghamel; kienet hi li mbaghad sakkret il-bibien u qabzet fuqu; nehhietlu l-

41 A fol 717.
42 A fol 722.
43 A fol 718.
44 A fol 1579.

flok u l-qalziet; nezghat hi, u kellu x'jaqsam maghha. Fil-waqt li jichad li kien hu li sakkar il-karozza u li BO1 pruvat tohrog mill-karozza u hu impediha, jghid li dan kollu dam minuta ghaliex din kienet l-ewwel esperjenza tieghu u kienet hi li kienet qed tghidlu x'ghandu jaghmel.

Illi imputazzjonijiet li jikkoncernaw lil BO1 hemm tnejn: it-tnejn u ghoxrin (22) il-imputazzjoni migjuba kontra AK1 u din tirrelata mal-ewwel episodju rakkontat minn BO1; u s-sitta u ghoxrin (26) il-imputazzjoni migjuba kontra AE1 li tirrelata mat-tieni episodju rakkontata minn BO1.

Illi l-ewwel episodju huwa dak li sehh fil-karozza ta'l-istess AK1. Mir-rakkont tax-xhud ma jirrizultax li hija giet mgieghla tidhol fil-karozza ma' AK1; pero issa li kienet fil-vettura mieghu huwa beda '*jbaghbasha*" u qaltlu biex jieqaf. Hu pero kompla u beda jghidilha li jhobbha u jidher li b'dan il-kliem huwa ikkonvinciha tkompli mieghu tant li kif tghid "*hsiebtu li vera jhobbni ghax jien kont nohrog mieghu, imbaghad kelli naqa*". Jidher li l-kriterju determinanti ghal BO1 biex takkonsentixxi ghal rapport sesswali ma' AK1 kien jekk ihobbhiex jew le; u jidher li aktar milli tasal ghal konkluzzjoni hi jekk verament ihobbhiex jew le, strahet fuq id-dikjarazzjonijet tieghu u b'dik id-dikjarazzjoni hija kienet sodisfatta tant li m'ghamlet l-ebda tenttattiv minimu kemm hu minimu biex twaqqfu wara li qallha li jhobbha.

Illi huwa minnu li l-vjolenza rikjesta biex jissussisti r-reat ta' stupru m'ghandhiex ghalfejn tkun fizika imma tista' tkun morali pero fil-fehma tal-Qorti li guvni jghid tfalja li nhobbok, anke jekk ma jkunx veru, difficilment tista' tigi interpretata bhala vjolenza morali anke tenut kont tal-fatt li ma' tirrizulta l-ebda cirkostanzi partikolari ghal BO1, li jirrenduha aktar vulnerabbli minn tfaljiet ta' l-eta taghha b'mod li kienet aktar suxxettibli ghal dikjarazzjoni bhal dik, li fost guvintur ta' l-eta ta' l-imputat hija normalment biss espressjoni ta' attrazzjoni fizika anke momentanja.

Illi in vista ta' dan il-Qorti mhiex sodisafatta li gew pruvati l-elementi necessarja biex tirrizulta din it-tnejn u ghoxrin (22) il-imputazzjoni.

Illi t-tieni epsiosdju rrakkontat minn BO1 jirreferi ghal incident li sehh f'karozza ukoll; din id-darba ta' AE1. Id-differenza bejn iz-zewg episodji skond il-verzjoni ta' BO1 hi li originarjament kienet fil-vettura wahedha (tisma' id-diski) meta gie AE1, dahal fil-karozza, ghalaq u sakkar il-bibien u beda *jbaghbasha*; peress li hija ma riditx fethet il-*bieba* biex tohrog mill-karozza pero AE1 ghalaq il-bieba u kompla ghaddej.

Illi l-verzjoni ta' AE1 hija kontrastanti in kwantu l-rwoli taz-zewg protagonisti huma invertiti. Skond AE1, hu kien qieghed fil-karozza qabel ma dahlet BO1, kienet hi li tellghet il-hgiega u li "*qabzet fuqu*" u bdiet tbusu; skond hu kienet hi li nezzghat lilu, wara nezghet hi, u kellhom x'jaqsmu.

Illi l-principju regolatur in materja ta' provi kunfliggenti huwa riprodott fil-parti inizjali tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-apprezzament tal-provi. Il-Qorti wara li kellha l-opportunita li tara u tisma iz-zewg persuni koncernati jaghtu d-depozizzjoni taghhom[45] hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontati minn BO1. Aktar minn hekk minn din il-verzjoni jirrizulta li BO1 pruvat tirrezisti lil AE1 pero dan impona ruhhu fuqha u hi kellha tissubixxi ghalih.

Illi ghalhekk din is-sitta u ghoxrin (26) il-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentment pruvata.

**<u>L-imputazzjonijiet dwar korruzzjoni tal-minorenni, dwar attentat vjolenti ghall-pudur, dwar offiza tal-pudur jew morali b'eghmil lil sar fil-pubbliku</u>**

Illi permezz ta' l-ewwel (1) imputazzjoni li hija migjuba kontra l-imputati kollha huma qed jigi akkuzati li bi vjolenza u eghmil zieni ikkorrempew lill-hmistax il-tfalja

[45] Il-Qorti terga tfakkar li d-depozizzjoni tat-tfajliet ittiehdet giet registrata permezz ta' video liema video l-Qorti kif presjeduta rat u semghet.

hemm elenkati. Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni li hija migjuba kontra l-imputati kollha huma qed jigu akkuzati b'attentat vjolenti ghall-pudur ta'l-istess tfaljiet. U permezz tat-tielet (3) imputazzjoni, migjuba kontra l-imputati kollha ukoll, huma qed jigu akkuzati b'offiza tal-pudur jew tal-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku.

Illi in oltre permezz tal-hmistax (15) il-imputazzjoni, li hija migjuba kontra AH1, AB1 u AA1, dawn l-imputati qed jigu akkuzati separatament b'attentat vjolenti ghall-pudur ta' BE1.

Illi r-reat ta' **korruzzjoni ta' minorenni** huwa ipotizzat f'l-artikolu 203 li jipprovdi hekk:

*kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l- età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati….*

Illi ghalhekk huma tlieta l-elementi rikjesti biex jissussisti dan i-reat: l-eta tal-vittma li ghandha tkun anqas minn tmintax il-sena, l-eghmil zieni (lewd acts) u l-korruzzjoni tal-minorenni.

Illi skond gurisprudenza kostanti:

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl … with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or*

*Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts*[46]*.'*

Illi in oltre gie stabbilit li anke jekk minorenni jkun gia "korrott" ma jistghax jigi eskluz a priori li certi atti ma jistghux jikkorrompuh ulterjorment. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimit ruhha diversi drabi f'dan is-sens. Fil-kawza Pulizija vs Andrew Bonnici[47] ntqal hekk:

*'Tifel …. li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel … kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Illi f'l-istess sens:

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*[48]

Illi ntqal ukoll li:

[46] Ref Pulizija vs Thomas Wiffen Appell Kriminali deciza 08/01/1996.
[47] Deciza 23/01/1998.
[48] Ref Pulizija vs Carmelo Spiteri Appell Kriminali deciza 20/03/1998.

*Meta minorenni ikun gie moghti ghall-vizzju, jista' cio' nonostanti jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta'minorenni. Ghaliex hadd ma ghandu l-jedd ikompli jispingi fuq it-triq tal-vizzju lil min forsi jista' jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu.*[49]

Illi r-reat ta' **attentat vjolenti ghall-pudur** hu ipotizzat f'l-artikolu 207 li jipprovdi hekk:

*Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta'…*

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali tghallem li:

*L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*"[50]

Illi l-**offiza ghal pudur jew morali b'eghmil fil-pubbliku** hija ipotizzata f'l-artikolu 209 li jipprovdi hekk:

*Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu jew f'disposizzjonijiet oħra tal-liġi, joffendi l-pudur jew il-morali, b'egħmil li jsir f 'lok pubbliku, jew f 'lok espost għall-pubbliku, jeħel, meta jinsab ħati ….*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

[49] Ref Pulizija vs Gianni Schembri Appell Kriminali deciza 11/10/1948.
[50] Ref Pulizija vs Gerald Cassar Appell Kriminali deciza 18/07/1959.

*the object or protection under this section is public decency or morality. Publicity is therefore the essential basis of this offence. From this it follows that the offending act may even be one which is done in private would be perfectly legitimate…. The acts need not be acts of lewdness, nor necessarily consist of an exhibition of private parts; embraces or other acts accompanied by such circumatances or words as offend the sense of decency were held to be sufficient…. The offending act may be committed on the person of an other or on one's own person.*[51]

Illi dan stabbilit l-Qorti ser tipprocedi biex tezamina l-provi relevanti ghal dawn l-imputazzjonijiet fid-dawl tal-principji hawn fuq elenkati.

Illi mill-mod kif inhuma formulati l-imputazzjonijiet issa in ezami u in vista tal-provi prodotti jidher li l-ewwel tlett imputazzjonijiet ingiebu kontra l-imputati kollha b'referenza ghall-agir taghhom b'mod generali fil-perjodi imsemmija fic-citazzjoni. Min-naha l-ohra jidher li l-hmistax (15) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra tlieta mill-imputati biss, qed tirreferi ghal incident partikolari li jirrigwarda lil BE1.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-ewwel imputazzjoni giet ammessa mill-imputati AB1, AC1 u AM1; it-tieni imputazzjoni giet ammessa mill-imputati AB1 u AM1; it-tielet imputazzjoni giet ammessa mill-imputati AB1, AC1 u AM1. Il-hmistax il-imputazzjoni giet ammessa mill-imputat AB1[52]. Il-Qorti tikkunsidra din l-ammissjoni bhala prova suffucjenti tal-htija ta' kull wiehed minn dawn l-imputati ta'l-imputazzjonijiet relattivi.

**L-attentat vjolenti ghall-pudur fuq BE1**

Illi l-Qorti sejra issa tibda biex tikkunsidra l-hmistax (15) il-imputazzjoni.

[51] Op cit pagna 211.
[52] L-imputat AB1 ammetta l-imputazzjonijiet kollha barra l-istupru u s-sekwestru ta' persuna.

Illi BE1 tirrakkonta[53] li kien hemm okkazzjoni meta hi kienet qeghda il-gnien flimkien ma' AA1, AB1 u AH1 (AH3) u xi nies ohra li ma kenitx taf min huma. AA1, AB1 u AH3, flimkien ma' BE1, marru *post* u telgu go xi kamra hemm. BE1 tghid li dak il-hin hija kienet imwerwra; malli dahlu fil-kamra AA1 nezzghatha gherwiena u fil-waqt li z-zewg guvintur zammewlha saqajha miftuhin AA1 gabet kanna u dahhlet din il-kanna fil-parti privata ta' BE1. BE1 tghid hekk; *jien ma kontx naf daqs xiex inhi ghax kont b'ghajnejja maghluqa u nibki u dahhlitli l-kanna fil-parti tieghi u dak il-hin weggajt hafna ghax dahhlitilhi bis-sahha u lestiet hi*.

Illi mistoqsija mill-Qorti x'ridet tfisser b'l-espressjoni lestiet, BE1 kompliet hekk: *ghax l-ewwel ghamlet li kellha taghmel u lestiet*.

Illi r-rakkont ta' BE1 huwa car u ma jista' jhalli l-ebda dubbju li t-tlett imputati koncernati kkommettew attentat vjolenti ghall-pudur u li din il-hmistax (15) il-imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

**Il-korruzzjoni ta' minorenni; l-attentat vjolenti ghall-pudur, offiza tal-pudur jew morali b' l-eghmil fil-pubbliku**

Illi ghal dak li jirrigwarda dawn it-tlett imputazzjonijiet ghandu jigi rilevat l-Qorti ma tistax issib htija b'mod generali u dan anke tenut kont tal-fatt li mill-provi jirrizulta li l-imputati u t-tfajliet elenkati bhala s-suggett passiv tar-reati ma kienux ikunu barra kollha flimkien il-hin kollu. Ghalhekk il-Qorti ma tistghax tassumi li dak kollu li sar, sar mill-imputati kollha fil-prezenza tat-tfaljiet kollha. Il-Qorti tista' ssib htija b'referenza ghall-fatti u episodji partikolari li jistghu jinkwadraw ruhhom f'definizzjoni ta' kull wiehed mir-reati issa in ezami, in oltre dawn ir-reati jridu jigu pruvati fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati b'mod partikolari. Aktar minn hekk, u dejjem ai fini ta'

[53] A fol 665.

dawn it-tlett imputazzjonijiet, irid jigi stabbilit fil-konfront ta' liema mit-tfajliet kull wiehed mill-imputati kkommetta l-atti inkriminanti.

Illi ai fini ta' l-ewwel imputazzjoni l-eta tat-tfajliet tirrizulta mic-certifikati tat-twelied taghhom li huma prezetati in atti. Ghandu jinghad li c-certifikat ta' twelied ta' BH1 ma giex prezentat; in oltre waqt id-depozizzjoni taghha ma qalitx kemm ghandha eta. La darba l-eta ta' din ix-xhud ma tirrizultax mill-atti l-Qorti ma tistax tassumi li hija minorenni u ghalhekk hadd mill-imputati ma jista' jinstab hati tar-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni fil-konfront taghha. Mic-certifikati tat-twelid esebiti jirrizzulta li t-tfajliet l-ohra kollha imsemmija kienu minorenni fil-perjodu meta sehhew il-fatti mertu ta' dan il-proceduri.

Illi ghandu jinghad li kull wiehed mill-episodji rakkontati minn BE1, BP1, BK1, BG1 u BO1 u riprodotti aktar 'l fuq fil-konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet ta' stupru jikkostitwixxi korruzzjoni ta' minorenni. In oltre f'kull wiehed mill-episodji fejn l-imputat instab hati ta' stupru minhabba l-vjolenza perpetrata allura dawk l-istess fatti jikkostitwixxu ukoll attentat vjolenti ghall-pudur.

Illi dan stabbilit il-Qorti ser tipprocedi biex tezamina il-provi ai fini ta' dawn l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' kull wiehed/wahda mill-imputati.

<u>Fil-konfront ta' AA1</u>

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AA1 ghamlet is-segwenti atti:

- Uriet videos pornografici lil BB1, BA1, BF1 u BO1 meta dawn ma xtaqux jarawhom; in oltre waqt li tkun qed turihom dawn il-films kienet toqghod tghannaq u tbus lil BA1 kif ukoll tmissilha l-partijiet privati taghha; dan fil-prezenza tat-tfajliet l-ohra[54].
- Uriet ritratti indicenti (li juru l-partijiet privati ta' mara) li kellha fuq il-mobile lil BA1, BC1, BF1 u BO1[55].

[54] Ref depozizzjoni BB1 a fol 338 – 341, depozizzjoni BA1 a fol 418, depozizzjoni BF1 a fol 539 u depozizzjoni BO1 a fol 714.
[55] Ref depozizzjoni BC1 a fol 520, BF1 a fol 541 u depozizzjoni BO1 a fol 714.

- Meta kienu qeghdin il-bahar lil BA1 nezzghatilha l-bikini u pruvat tmissilha l-partijiet privati taghha, oltre li kien hemm okkazzjonijiet ohra meta kienu jkunu fuq is-sodda u AA1 kienet tbus lil BA1 u tilghaqaha u tmissha fil-partijiet privati taghha[56].
- Darba uriet il-partijiet privati taghha lil BA1[57].

Illi dawn l-atti kollha jikkostitwixxu korruzzjoni ta' minorenni; minhabba li saru kollha kontra l-volonta t-tfajliet koncernati jikkostitwixxu ukoll attentat vjolenti ghal pudur taghhom u minhabba li wiehed minn dawn l-episodji sehh fil-pubbliku jirrizulta ukoll ir-reat ta' offiza tal-pudur b'eghmil fil-pubbliku.

<u>Fil-konfront ta' AB1</u>

Illi AB1 ammetta t-tlett imputazzjonijiet issa in ezami; il-Qorti tqis din l-ammissjoni bhala prova sufficjenti ta' dawn l-imputazzjonijiet.

<u>Fil-konfront ta' AC1</u>

Illi AC1 ammetta l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet; il-Qorti tqis din l-ammissjoni bhala prova sufficjenti ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi mill-atti jirrizulta li dan l-imputat kien gieghel lil BB1 tbusu kontra r-rieda taghha[58]; in oltre kien hemm okkazzjoni meta ukoll kellu x'jaqsam ma' BE1 kontra il-volonta taghha[59]. Dawn l-atti jikkostitwixxi attentat vjolenti ghall-pudur. Konsegwentement anke t-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' dan l-imputat hija pruvata.

<u>Fil-konfront ta' AD1</u>

[56] Ref depozizzjoni BA1 a fol 414.
[57] Ref depozizzjoni BA1 a fol 426.
[58] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347.
[59] Ref depozizzjoni BE1 a fol 661 et seq.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AD1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien gieghel lil BB1 tbusu[60].
- Huwa kellu x'jaqsam ma' BK1 fil-karozza ta' sihbu;[61]

Illi r-rapport sesswali li AD1 kellu ma' BK1, in kwantu kien konsenswali jikkostitwixxi korruzzjoni ta' minorenni u mhux attentat vjolenti ghall-pudur.

Illi jirrizulta mill-provi li BB1 kellha boyfriends qabel ma sehhew il-fatti in ezami u ex admissis kienet tbushom. Illi l-imputat AD1 meta gieghel lil BB1 tbusu m'ghamel xejn li seta' ikkorrompiha pero la darba huwa impona ruhhu fuqha jissussisti r-reat ta' attentat vjolenti ghal-pudur.

Illi dawn l-atti saru fil-pubbliku ghalhekk jirrizulta ukoll ir-reat kontemplat f'l-artikolu 209.

<u>Fil-konfront ta' AE1</u>

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AE1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien gieghel lil BB1 tbusu[62].
- Kien imiss il-partijiet privati ta' BJ1 u ta' BO1 u ta' BH1[63].
- Fid-dar tieghu wera film pornografiku lil BJ1[64].
- Kien qieghed id BO1 fuq il-parti privata tieghu u gieghlha timmasturbah[65].
- Kien ikkommetta stupru fuq BO1 u fuq BE1.

Illi ghar-ragunijiet fuq espressi ma jistghax jirrizulta r-reat ta' korruzzjoni dwar l-atti li jikkoncernaw lil BB1. Pero dan ir-reat jissussisti fil-konfront ta' AE1 b'referenza ghal dak li ghamel ma' BJ1, BO1, BH1 u BE1. In kwantu l-atti fuq

[60] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347.
[61] Ref depozizzjoni BK1 a fol 698.
[62] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347.
[63] Ref depozizzjoni BJ1 a fol 635, BO1 a fol 710, u depozizzjoni BH1 a fol 772.
[64] Ref depozizzjoni BJ1 a fol 637.
[65] Ref depozizzjoni BO1 a fol 711.

deskritti kollha saru kontra l-volonta ta-tfajliet imsemmija jirrizulta l-attentat vjolenti tal-pudur fil-konfront taghhom u ta' BB1. Dawn l-atti, kwazi kollha sehhew fil-pubbliku ghalhekk jissussisti ukoll ir-reat kontemplat f'l-artikolu 209.

Fil-konfront ta' AF1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AF1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien imiss il-partijiet privati ta' BN1, BM1, BH1 u BC1 [66].
- Lil BE1 kien qabdilha idha u gieghelha timmasturbah u gieli kien hemm okkazzjonijiet meta mess il-partijiet privati taghha[67].
- Kien hemm okkazzjoni meta bi vjolenza gieghel lil BK1 jkollha x'taqsam mieghu[68].

Illi l-atti hawn fuq deskritti kollha saru kontra l-volonta tat-tfajliet koncernati u saru fil-pubbliku ghalhekk gew pruvati t-tlett imputazzjonijiet issa in ezami hlif fil-kaz ta' BH1 peress li fin-nuqas ta' prova li hija minorenni ma jistax jissussisti r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront taghha.

Fil-konfront ta'AG1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AG1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien imiss il-partijiet privati ta' BM1, BN1, u BH1 [69].
- Darba ressaq il-parti privata tieghu vicin ta' halq BK1[70].

---

[66] Ref depozizzjoni BN1 a fol 455, depozizzjoni BC1 a fol 516, u depozizzjoni ta' BH1 a fol 772.
[67] Ref depozizzjoni BE1 a fol 654-657.
[68] Ref depozizzjoni BK1 a fol 694.
[69] Ref depozizzjoni BM1 a fol 441, depozizzjoni BN1 a fol 455 depozizzjoni BG1 a fol 471, u depozizzjoni ta' BH1 a fol 772.
[70] Ref depozizzjoni BK1 a fol 697/8.

Illi l-atti hawn fuq deskritti kollha saru kontra l-volonta tat-tfajliet koncernati u saru fil-pubbliku. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet pruvata in kwantu tirreferi ghal BN1, BM1 u BK1; u it-tieni u t-tielet imputazzjoni in kwantu jirreferu ghal-erbgha tfajliet koncernati.

Fil-konfront ta' AH1

Illi mil-assjem tal-provi jirrizulta li AH1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien hemm okkazzjoni meta lil BA1 nezzalgha il-bikini[71].
- Kien jikxef il-partijiet privata tieghu quddiem BI1 [72].
- Kien mess il-partijiet privati ta' BJ1, BO1 u BH1[73].

Illi ghalhekk tirrizulta l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BI1, BJ1, u BO1. Inkwantu l-atti hawn deskritti saru kontra l-volonta tat-tfaljiet koncernati tirrizultaw it-tieni imputazzjoni u in kwantu l-atti saru fil-pubbliku tirrizulta ukoll t-tielet imputazzjoni.

Fil-konfront ta' AI1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AI1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien jesponi l-parti privata tieghu quddiem BB1, BC1, BI2 u BK1[74].
- Kien hemm okkazjoni meta lil BA1 nehhielha t-top tal-bikini[75].
- Kien imiss il-partijiet privati ta' BM1, BN1, BJ1, BO1 BH1[76].

---

[71] Ref depozizzjoni BA1 a fol 426.
[72] Ref depozizzjoni BI1 a fol 569.
[73] Ref depozizzjoni BJ1 a fol 635 u 639, depozizzjoni BO1 a fol 710, u depozizzjoni BH1 a fol 772.
[74] Ref depozizzjoni BB1 a fol 345, depozizzjoni BC1 a fol 518, depozizzjoni BI1 a fol 569, u depozizzjoni BK1 a fol 693.
[75] Ref depozizzjoni BA1 a fol 426.

- Kien gieghel lil BI1 u BO1 jmissu il-parti privata tieghu[77].
- Kien hemm okkazjoni meta bi vjolenza gieghel lil BE1 jkollha x'taqasm mieghu[78]
- F'zewg okkazjonijiet separati kellu x'jaqsam ma' BP1[79] u kellu x'jaqsam ukoll ma' BK1[80]

Illi l-atti hawn fuq deskritti kollha saru kontra l-volonta tat-tfajliet imsemmija (hlif ghar-rapporti sesswali ma' BP1 u BK1) u saru fil-pubbliku ghalhekk gew pruvati t-tlett imputazzjonijiet issa in ezami b'dan li l-korruzzjoni ta' minorenni ma tirrizultax fir-rigward ta' BA1 u l-attentat vjolenti ghall-pudur ma jirizultax fir-rigward ta' BP1.

Fil-konfront ta' AJ1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AJ1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien igieghel lil BB1 u BA1 ibusuh[81].

Illi jirrizulta mill-provi li mhux biss BB1 imma anke BA1 kellhom boyfriends qabel ma sehhew dawn il-fatti u ex admissis kienu jbushom. Illi l-imputat AJ1 meta gieghel lil BB1 u BA1 ibusuh m'ghamel xejn li seta' jikkorrompihom pero la darba huwa impona ruhhu fuqhom jissussisti r-reat ta' attentat vjolenti ghal-pudur. Dawn l-atti saru fil-pubbliku ghalhekk jirrizulta ukoll ir-reat kontemplat f'l-artikolu 209.

Fil-konfront ta' AK1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AK1 ghamel is-segwenti atti:

---

[76] Ref depozizzjoni BM1 a fol 440, depozizzjoni BN1 a fol 455/456, depozizzjoni BJ1 a fol 635, depozizzjoni BO1 a fol 710, u depozizzjoni ta' BH1 a fol 772.
[77] Ref depozizzjoni BI1 a fol 565, u BO1 a fol 712.
[78] Ref depozizzjoni BE1 a fol 661 et seq.
[79] Ref depozizzjoni BP1 a fol 585 et seq.
[80] Ref depozizzjoni BK1 a fol 697.
[81] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347, u depozizzjoni BA1 a fol 432/3.

- Kien igieghel lil BB1 biex tbusu[82].
- Kien mess il-partijiet privati ta' BO1 u ta' BH1[83].
- Kien hemm okkazjoni meta kellu x'jaqsam ma' BO1[84].

Illi ghar-ragunijiet gia espressi l-imputat AK1 ma jistax jinstab hati ta' korruzzjoni ta' BB1 u BH1. Pero ghandu jinstab hati ta' dan ir-reat fil-konfront ta' BO1. Huwa ghandu jinstab hati ukoll ta' attentat vjolenti tal-pudur fir-rigward ta' BB1 u BH1 in kwantu l-atti li jikkoncernaw lilhom saru kontra l-volonta taghhom. Dawn l-atti sehhew fil-pubbliku ghalhekk jissussisti ukoll ir-reat kontemplat f'l-artikolu 209.

Fil-konfront ta' AL1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AL1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien jikxef il-parti tieghu quddiem BB1 u BI1[85].
- Kien igieghel lil BB1 tbusu[86].
- Kien imiss il-partijiet privati ta' BN1, BD1 u BJ1[87].

Illi dawn l-atti saru kontra l-volonta tat-tlett tfajliet imsemmija; ghalhekk it-tlett imputazzjonijiet issa in ezami jirrizultaw pruvati fil-konfront ta' AL1 fir-rigward ta' dawn it-tlett tfajliet.

Fil-konfront ta' AM1

Illi l-imputat AM1 qed jammetti l-ewwel tlett imputazzjonijiet; fil-fehma tal-Qorti din hija prova sufficjenti ta' dawn l-imputazzjonijiet.

---

[82] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347.
[83] Ref depozizzjoni BO1 a fol 710, u depozizzjoni BH1 a fol 772.
[84] Ref depozizzjzoni BO1 a fol 717.
[85] Ref depozizzjoni BB1 a fol 345, u depozizzjoni BI1 a fol 569.
[86] Ref depozizzjoni BB1 a fol 347.
[87] Ref depozizzjoni BN1 a fol 455/7, depozizzjoni BD1 a fol 553, u BJ1 a fol 635.

Fil-konfront ta' AN1

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li AN1 ghamel is-segwenti atti:

- Kien jikxef il-parti privata tieghu quddiem BC1[88].
- Kien imiss il-partijiiet privati ta' BD1 u ta' BH1[89].
- Kien hemm okkazjonijiet meta huwa kellu x'jaqsam am' BP1[90].

Illi ghalhekk gew pruvati l-ewwel imputazzjoni fir-rigward ta' BC1, BD1 u BP1; t-tieni imputazzjoni fir-rigward ta'BC1, BD1 u BH1 u t-tielet imputazzjoni in kwantu dawn l-atti kienu jsehhu fil-pubbliku.

Illi in konkluzzjoni dwar dawn it-tlett imputazzjonijiet ghandu jigi rilevat li fl-ewwel imputazzjoni dwar korruzzjoni ta' minorenni l-prosekuzzjoni indikat li seta' jezisti aggravju naxxenti mill-fatt li uhud mit-tfaljiet (ma giex specifikat min) kienu ghadhom m'ghalqux it-tnax il-sena. Minn ezami tac-certifikati tat-twelid tal-hmistax il-tfajla imsemmija f'dik l-imputazzjoni jirrizulta li wahda biss, cioe BL1, kienet ghadha m'ghalqitx it-tnax il-sena fil-perjodu in ezami. Mill-provi akkwiziti u anke mis-suespost ma jirrizultax li l-imsemmija BL1 kienet vittma ta' korruzzjoni.

## L-imputazzjoni dwar sekwestru ta' persuna

Illi permezz tar-raba imputazzjoni li hija migjuba kontra l-imputati kollha, dawn qed jigu akkuzati li arrestaw illegalment lit-tfaljiet kollha elenkati f'l-ewwel imputazzjoni liema sekwestru sar bhala mezz biex l-istess tfaljiet jaghmlu xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom.

L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

---

[88] Ref depozizzjoni BC1 a fol 518.
[89] Ref depozizzjoni BD1 a fol 553, u depozizzjoni BH1 a fol 772.
[90] Ref depozizzjoni a fol 585.

*kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid[91]:

*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Illi pero fil-kaz ta' arrest illegali ta' persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rribadiet li;

*dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent … jew dik ta' … korruzzjoni ta' minorenni … u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. … Imma ancorche' kellu jirrizulta li ……. f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi*

[91] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.

*mal-minuri…, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*[92]

Illi jekk wiehed ghall-mument jeskludi r-rakkonti ta' l-episodju li ttiehdu in konsiderazzjoni ai fini tar-reati ta' stupru, minn qari tad-depozizzjonijet tat-tfajliet elenkati f'l-ewwel imputazzjoni minn imkien ma jirrizulta li huma qatt ittiehdu f'xi post bil-forza u/jew kontra l-volonta taghhom jew li inzammu f'xi post fejn kienu gia jinstabu b'mod li huma ma kienux liberi jitilqu x'hin u meta ridu.

Illi in vista ta'dan u in vista tal-principji fuq riprodotti dwar l-arrest legali u r-reati ta'stupru, korruzzjoni ta' minorenni u attentat vjolenti ghall-pudur; u tenut kont ukoll tal-fatt li wara l-atti li sehhew f'dawk l-episodji t-tfajliet koncernati dejjem kienu fil-liberta li jitilqu u jkomplu b'l-attivita normali taghom ir-raba imputazzjoni ma tirizzultax[93].

**<u>L-imputazzjonijiet dwar oggetti, ritratti, films ecc li huma pronografici jew oxxeni</u>**

Illi ai termini tac-citazzjoni l-hdax, it-tnax u t-tlettax il-imputazzjoni jirreferu ghal zammha. tqassim, turija ta' videos. DVD's, ritratti jew xbiehat eletronici pronodgrafici, oxxeni jew indicenti; dawn l-imputazzjonijiet ingiebu fil-konfront ta' l-imputata AA1.

Illi c-citazzjoni tirreferi testwalment ghal dawn ir-reati:

*11. Talli zammet ghandha diversi videos u/jew DVD's pornografici jew oxxeni jew oggetti ohra, ikunu li jkunu, pornografici jew oxxeni;*
*12. Talli wriet dawn l-istess videos lil imsemmija minorenni f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghal pubbliku;*

---

[92] Ref Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006.

*13. Talli qassmet jew uriet ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici ndicenti jew kellha fil-pussess taghha, ritratti, films, video recordings jew xbiehat elettronici ndicenti;*

Illi ai termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali r-reat addebietat lil din l-imputata AA1 huwa dak predispost f'l-artikolu 208A tal-artikolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta. Dan, fis-sena 2003/2004[94] kien jipprovdi testwalment li

*Kull cittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li jigbdu jew jippermettu li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti* ***ta' persuna taht l-eta***[95]*, jew iqassmu jew juru ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn jew ikollhom fil-pussess taghhom ritratt, film, video recording jew xhieha elettronika indicenti bhal dawn, jehlu meta jinsabu hatja…..*

Illi ghalhekk biex jissussisti r-reat addebietat lill-imputata AA1 huwa necessarju li r-ritratti, films, video recordings, jew xbiehat elettronici juru persuni taht l-eta.

Illi b'referenza ghal dawn l-imputazzjonijiet hemm diversi xhieda li qalu li AA1 kienet turihom films pornografici meta kienu jkunu fid-dar taghha; jghidu ukoll li kienet turihom anke xi ritratti indicenti minn fuq il-mobile taghha. Huma specifikaw li fil-films kienu jaraw persuni (kemm nisa u irgiel kif ukoll nisa u nisa) u vampiri jaghmlu atti sesswali flimkien, fil-waqt li r-ritratti li kienet turihom fuq il-mobile kienu ta' mara bil-partijiet genitali taghha kjarament esposti[96].

Illi ghandu jigi rilevat li l-mobile ta' AA1 ma' giex esebiet u lanqas ma gew esebieti d-DVD's li seta' kellha d-dar

---

[94] Sussegwentement din id-dispozizzjoni tal-ligi giet emendata.
[95] Sottolinear ta'din il-Qorti.
[96] Ref depozizzjoni BB1 a fol 338, 340 u 350; depozizzjoni BA1 a fol 418 u 426; depozizzjoni BC1 a fol 520; depozizzjoni BF1 a fol 539, 541, 546, u 547; depozizzjoni BL1 a fol 705; u depozizzjoni BO1 a fol 74.

taghha, ghalhekk il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq id-deskrizzjoni li taw dawk it-tfajliet li xi darba jew ohra raw dawn il-films u/jew ritratti. Meta dawn it-tfajliet ddeskrivew il-films u r-ritratti li raw fuq il-mobile huma semghu nisa, irgiel (u vampiri) hadd minnhom ma ta deskrizzjoni tal-persuni li raw fil-films ghajr ghas-sess taghhom; ma taw l-ebda indikazzjoni ta'l-eta taghhom hlif li deskrivewhom bhala nisa u irgiel, mhux tfal.

Illi fin-nuqqas ta' prova konkreta ta' l-eta (taht it-tmintax il-sena) tal-persuni li kienu jidhru koinvolti f'attivita sesswali fil-films li AA1 kellha fil-pussess taghha u li uriet lil uhud mit-tfajliet, u fin-nuqqas ta' l-istess prova dwar il-persuna jew persuni li kienet tidher fir-ritratti li AA1 kienet izzomm fil-mobile taghha ma jistghax jinghad li dawn il-hdax (11), it-tnax (12) u t-tlettax (13) il-imputazzjoni gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

## L-imputazzjoni dwar estorsjoni

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputati kollha qed jigu addebietati bir-reat ta' estorsjoni a dannu ta' BP1.

Illi minn ezami ta' l-atti jirrizulta li provi dwar din l-imputazzjoni johorgu mid-depozizzjoni ta' BA1, l-istess BP1 u ommha *persuna*.

Illi BA1 tghid[97] b'mod generali li AI1 (il-AI2), AG1, AE1 (il-AE2), u AH1 (AH3)[98] kienu jitolbu flus lil BP1. B'mod aktar specifiku tghid ukoll li darba AG1 u BP1 kienu l-bandli meta f'xi hin AG1 qasam ikellimnha u qallha li kien qal lil BP1 li jekk mhux ser idahhalu l-card (fil-mobile) ser jugzaha lil ommha dwar il-fatt li kellha x'taqsam ma' uhud mill-guvintur. Aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni taghha terga' tghid li *AG1* kien iggieghel lil BP1 tixtri *top-up* cards ghall-mobile biex juzahom hu[99].

[97] A fol 425.
[98] Hi fil-verita tghid ukoll li "*kien hemm diversi ohrajn*" pero isemmi b'isimhom, jew ahjar bil-laqam, lil dawk l-imputati hawn fuq indikati.
[99] A fol 434.

Illi BP1 nnifisha tirrakkonta diversi episodji:

- L-ewwel issemmi okkazzjoni meta marret ma' AN1 (il-AN4) biex ikollhom rapporti sesswali, meta nezghat il-jeans resaq lejhom AI1 u hadilha il-jeans u gew xi guvintur ohra; AE1 esiga li xorta jkollhom x'jaqsmu flimkien anke fil-prezenza ta' shabhom. BP1 weghditu hames liri biex jieqaf u hu hekk ghamel[100].
- Isemmi ukoll li AA1, AG1, AB1 (il-AB2), AI1 (il-AI2), AL1, AF1 u persuna ohra (li mhiex parti f'din il-kawza) kienu jitolbuha flus u jhedduha li kienu ser jirrakkontaw dak li kien qed jigri lil ommha[101].
- Hi prezentat dokument b'diversi notamenti inkluz kemm tat flus lil uhud mill-imputati; skond dan id-dokument[102] tat lil
  - AH1 Lm 15
  - AL1 Lm 30
  - AB1 Lm 55
  - AN1 Lm 5
  - AG1 Lm 85
  - AI1 Lm180
  - AJ1 Lm120
  - AE1 Lm 50
  - AA1 Lm 55
  - AK1 Lm 35
- B'referenza ghal AJ1 (il-AK2) tghid ukoll li kien jheddiedha li kien ser jugzahha 'l ommha u darba kien hemm okkazzjoni meta ghamel idejh ma ghonqha u sa kemm weghdietu li taghtih il-flus ma kienx ser jitlaqa[103].
- Tghid ukoll li AI1, AG1, AA1 u AF1 kienu jghidulha li jridu card (top-up card) u hi kienet jew taghtihom wahda jew taghtihom flus; lil xi uhud minnhom darba hallsitilhom piercing[104].
- Terga taghmel referenza ghal AJ1 u tghid li kien jheddidha li kienu ser jghid lil ommha li kienet qed tisraq il-flus u li kienet marret ma' AI1[105].

---

[100] Ref fol 593.
[101] A fol 595.
[102] Esebit a fol 617; ghandu jigi rilevat li f'dan id-dokument BP1 isemmi persuna ohra li mhiex imputata, certu *Persuna*, u telenka ukoll isem iehor li mhux decifrabbli.
[103] A fol 599.
[104] A fol 607 sa 609.
[105] A fol 611.

- Tghid li lil AG1 taghtu flus biex jaghmel tattoo ghax kien jheddidha u kienet anke taghtu flus[106].

Illi BP1 spjegat ukoll li hija kienet qed tisraq il-flus biex ikollha x'taghti lill-imputati minghand iz-zija taghha u li kienet serqietilha sebgha mitt lira b'kollox. Hi tat id-dettalji ta' kif zijitha indunat u giet tghid lil ommha u minn hemm harget l-istorja kollha[107].

Illi da parti taghha *persuna*, omm BP1, irrakkontat l-episodju meta ohtha (iz-zija ta' BP1) qaltilha li kienu naqsulha Lm700 u li kellha suspett li kienet hadithom BP1; irrakkontat kif affrontat lil BP1 li ammettiet maghha u eventwalment qaltilha l-istorja kollha inkluz li hija hadet il-flus ghaliex kienet qed tigi mhedda mill-imputati li kienu ser jirrakkontaw fatti dwarha lil ommha[108].

Illi r-reat li qed jigi addebietat lill-imputati huwa dak ipotizzat f'l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Kull min, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga'ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra, jehel, meta jinsab hati …..*

Illi applikata din id-dispozizzjoni tal-Ligi ghall-kaz in ezami huwa car li dak li qed tallega il-prosekuzzjoni hu li l-imputati bil-hsieb li jestorcu flus minghand BP1 heddewha li jghamlulha malafama ma' ommha.

Illi kif diga ntqal l-imputazzjoni issa in ezami ngiebet fil-konfront ta'l-imputati kollha. Illi jekk wiehed kellu joqghod fuq dak li qalet BP1 fid-depozzjoni u dak li jirrizulta min-notamenti taghha fid-dokument esebiet ma jirrizultax li l-imputati kollha talbuha flus. Lill-imputati AC1, AD1, u AM1

[106] A fol 614.
[107] Ref depozizzjoni a fol 603 u 612.
[108] Ref depozizzjoni a fol 806 et seq.

ma semmihom la fid-depozzizjoni taghha f'dan ir-rigward u lanqas ma telenkahom fin-nota esebieta.

Illi f'nuqqas ta' kwalunkwe prova fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati l-imputazzjoni in kwantu tirreferi ghalihom ma tistax tirrizulta.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-imputat AF1 ma jirrizultax mill-elenku ta' ismijiet formanti parti min-nota esebieta minn BP1; BP1 pero tghid li AF1 kien talabha flus[109].

Illi biex jissussisti r-reat ta' estorsjoni mhux necessarju li t-theddied perpetrat ihalli l-effett mixtieq; huwa sufficjenti li jsir it-theddied u li jkun car l-oggett tat-theddied x'jkun. Ghalhekk jekk jirrizulta li AF1 hedded lil BP1 bil-hsieb li hu jestorci xi flus min ghandha anke jekk dawk il-flus ma rceviehomx huwa jista' jinstab hati ta' l-imputazzjoni issa in ezami.

Illi l-imputat AB1 ammetta din l-imputazzjoni; il-Qorti qed tqis l-ammissjoni tieghu bhala prova sufficjenti taghha.

Illi mid-depozizzjon ta' BP1, mehuda fid-dawl tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-imputati koncernati, AF1 inkluz, kienu jheddu lil BP1 li ser jghidu lil ommha b'dak kollu li kien qed jigri dak is-sajf u li biex ma jaghmlux hekk hi kellha taghtihom flus kontanti jew thallas ghal xi oggett jew servizz li huma xtaqu jakkwistaw.

Illi konsegwentement din il-hames (5) il-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata fil-konfront ta' l-imputati AA1, AB1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AJ1, AK1, u AN1.

## L-imputazzjonijiet dwar theddied

[109] Fil-verita hemm okazzjoni ohra meta ssemmi li tat flus lil AF1 pero jidher li l-flus taghthomlu hi minn jeddha biex jirrangalha ma' AI1; dan il-fatt ma jistax jitiehed in konsiderazzjoni ghar-reat in ezami.

Illi imputazzjonijet dwar theddied hemm diversi: it-tmien (8) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra l-imputati kollha u tiprospetta theddied fil-konfront tat-tfajliet kollha imsemmija f'l-ewwel imputazzjoni; l-ghaxar (10) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AA1 u tiprospetta theddied fil-konfront ta' BD1 u BA1; u l-ghoxrin (20) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AH1 u tiprospetta theddied fil-konfront ta' BP1.

Illi huwa stabbilit li

*biex ikun hemm theddid is-suggett attiv jrid ikun qed jipprospetta --- bil-kliem, gesti jew mod iehor --- xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. … il-hsara prospettata m'ghandhiex ghalfejn tkun determinata fis-sens li tigi indikat b'xi grad ta'precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccjat*[110]*.*

Illi f'dan is-sens ukoll Antolisei jghallem li

*"…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'"*[111]

Illi minn-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali jirrizulta li l-artikolu tal-Ligi elenkat u li a bazi tieghu tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputati kollha huwa l-artikolu 249 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-artikolu jipprovi hekk:

*(1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, jhedded lil haddiehor b'xi delitt, jehel, meta jinsab hati ….*

---

[110] Ref Pulizija vs Joseph Gauci Appell Kriminali deciza 12/06/2003.
[111] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 140.

*Izda jekk it-theddida tkun dwar l-uzu ta' materjal nukleari sabiex tigi kkagunata l-mewt ta' jew offiza gravi fuq xi persuna jew hsara kbira fil-proprjetà jew tkun dwar li jsir reat ta' serq ta' materjal nukleari sabiex xi persuna naturali jew legali, organizzazzjoni internazzjonali jew Stat jigi mgieghel jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, il-piena ghar-reat ghandha ……….*

*(2) Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkuzat jehel, meta jinsab hati, il-piena ……….*

Illi dan l-artikolu jipprospetta zewg tipi ta' theddid; primarjament dak bil-mezz tal-karta miktuba, mbaghad fit-tieni subartikolu jinkludi ukoll it-theddid bil-fomm diment li dan it-theddid bil-fomm ikun hemm ordni jew kundizzjoni cioe il-minaccja kondizzjonata.

Illi mill-provi akkwizieti jirrizltaw diversi istanzi ta' theddid.

Illi mid-depozizzjoni ta' BA1 jirrizulta li kien hemm okkazzjonijiet meta AA1 kienet iccempilli biex tghidilha li "jekk tohrog mill-bieb taghtiha daqqa ta' karozza". Hi tirrakkonta okkazzjoni ohra meta oht u omm AA1 bdew jghajjru u jheddu lilha, lil BD1 u lil BH1[112]. Huwa car li dan l-ahhar episodju ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni ghaliex jikkoncerna lil terzi u lil hadd mill-imputati

Illi da parti taghha BD1 tirrakkonta li kien hemm okkazzjoni meta cemplitilha AA1 jew ohtha (ma setghetx tghid b'certezza minn minnhom) u minn kien qed ikellimha qallha li jekk tghid kelma ohra *taqla daqqa ta' karozza u tbul id-demm*[113]. Aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni taghha terga tirrepeti li hija m'gharfitx min kien qalilha dawn il-kliem[114]. Huwa car hawn ukoll li dan l-episodju ma jistghax jittiehed in konsiderazzjoni ghaliex BD1 m'gharfitx il-persuna li ghamlitilha t-teheddid.

---

[112] Ref depozizzjoni a fol 421.
[113] Ref depozizzjoni a fol 549/560.
[114] Ref depozizzjoni a fol 561.

Illi mid-depozizzjoni ta’ BG1 jirrizulta li AA1 kienet tibghatilha messaggi fuq il-mobile li, fil-kuntest ta’ l-iskambju shih bejniethom, jitstghu jiftehmu bhala theddida, partikolarment il-kliem “mbaghad naraw”[115].

Illi mid-depozizzjoni ta’ BF1 jirrizulta li AA1 qaltilha li “jekk ticievi karti mill-Qorti hazin ikun ghalikom”[116]

Illi jirrizulta ukoll episodju rakkontat aktra ‘l fuq[117] meta AI1 kien ipponta sigarett mixghul hdejn ghajnejn BP1 u qallha li jekk terga tghid li hu mhux sabih kien ser idahhal is-sigarett f’ghajnejha[118].

Illi l-unici provi ohra dwar theddid jirrizultaw mid-depozizzjoni ta’ BM1 li tghid li darba meta kienu hdejn omissis, AI1 qal lil BI1 li “hazin ser tispiccaw[119] pero BI1 ma tghid xejn dwar dan l-episodju fid-depozizzjoni taghha.

Illi ghandu jinghad ukoll li kien hemm diversi episodji ta’ theddid fil-konfront ta’ BP1 li d-dettalji taghhom inghataw aktar ‘l fuq fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjoni dwar estorsjoni a danni ta’ l-istess BP1. It-theddid irrizulta da parti ta’ AA1, AB1, AE1, AF1, AG1,AH1, AI1, AJ1, AK1, AL1, u AN1.

Illi huwa car mill-provi prodotti u anke mill-mod kif l-imputazzjonijiet huma formulati li l-ghaxar (10) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AA1 tirreferi ghall-fatti rakkontata minn BA1 u BD1; l-ghoxrin (20) il-imputazzjoni li hija migjuba kontra AH1 tirreferi ghall-episodju rakkontat minn BP1 dwar is-sigarett; u li t-tmien (8) il-imputazzjoni hija wahda generali.

Illi dwar l-ghaxar imputazzjoni l-unika prova ammissibli hija dik il-parti tad-depozizzjoni ta’ BA1 meta tghid li AA1 qaltilha li jekk tohrog taqla daqqa ta’ karozza. Fil-fehma tal-Qorti huwa car li dan t-theddid li kien bil-fomm u mhux

[115] Ref depozizzjoni a fol 470.
[116] Ref depozizzjoni a fol 549.
[117] Fil-kunsiderazzjonijiet dwar attenta ta’ ferita grava fuq BP1
[118] Ref depozizzjoni a fol 598.
[119] Ref depozizzjoni a fol 451.

bil-karta miktuba kien marbut ma' ordni jew kundizzjoni fis-sens li kien intiz biex tinfluwenza l-agir ta' BA1 fil-perjodu ta'l-investigazzjoni dwar dan il-kaz; ghalhekk l-ghaxar (10) imputazzjoni hija pruvata in kwantu tirreferi ghal BA1.

Illi dwar l-ghoxrin imputazzjoni m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li t-theddid ta' AI1 fil-konfront ta' BP1 kien minaccja kondizzjonata u ghalhekk din l-ghaxar (10) imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Illi dwar it-tmien imputazzjoni, l-unika prova ohra li tirrizulta hija dik li tohrog mid-depozizzjoni ta' BG1 u BF1. Mir-rakkont taghhom jidher car li din ukoll kienet minaccja kondizzjonata in kwantu intiza biex tinfluenza l-komportament taghhom f''l-istadju ta' l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. Ghalhekk din it-tmien (8) imputazzjoni tirrizulta in kwantu migjuba kontra AA1 fil-konfront ta' BG1, BF1 u BP1 u tirrizulta ukoll in kwantu migjuba kontra AB1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AJ1, AK1, AL1, u AN1 u dan fir-rigward ta' BP1.

## L-imputazzjonijiet dwar attentat ta' offiza gravi

Illi hawn zewg imputazzjonijiet dwar attentat ta' offiza gravi:

- dik miguba kontra AH1 fejn l-allegata vittma hija BP1[120]; u
- dik migjuba kontra AF1 fejn l-allegata vittma hija BG1[121].

Illi fiz-zewg istanzi ai termini tac-citazzjoni r-reat li qed jigu addebietati bih kull wiehed miz-zewg imputati hawn fuq imsemmija huwa t-tentattiv ta' offiza gravi.

Illi dawn l-imputazzjonijiet huma dedotti hekk:

[120] L-imputazzjoni numru 19.
[121] L-imputazzjoni numru 34.

***AH1 biss:***
*Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' BP1 billi ttanta jdahhal sigarett mixghul f'ghajnejha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;*

***AF1 biss:***
*Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' BG1 billi waddab tazza tal-hgieg fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;*

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali f'l-elenku ta' l-artikolu a bazi ta' liema tista' tinstab htija fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputati hemm elenkati l-artikoli 41(1)(a) u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gie ssottomess li la darba fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ma giex kwotata ukoll l-artikolu 214 ta'l-istess Kapitolu 9 il-Qorti ma tistax issib htija tar-reat ta' tenttiv ta' offiza volontarja ghaliex l-Qorti tista tippronunzja ruhha biss fuq dawk ir-reati li jirrizultaw min-nota ta'l-Avukat Generali li ma telenkax l-artikolu 214.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci l-artikoli in koncernati ukoll; dawn huma l-artikoli 214, 215 u 216.

***214.*** *Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f 'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna.*

***215.*** *L-offiza fuq il-persuna tista' tkun gravi jew hafifa.*

***216.*** *(1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' …*
*(a) jekk tista' ggib periklu -*

*(i) tal-hajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-mohh;*
*(b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;*
*(c) jekk tkun maghmula b'ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem, minghajr ma ggib l-ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, zzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggieghelha tehles qabel iz-zmien.*

Illi minn qari ta' dawn id-dispozizzjonijet tal-Ligi huwa car li x'inhi l-offiza fuq il-persuna u x'inhuma l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat johorgu mill-artiklu 214. Permezz ta'l-artikolu 215 mbaghad il-legislatur jikklassifika l-offiza fuq il-persuna, cioe l-hsara fil-gisem jew id-disordni f'mohh il-persuna imsemmija f'l-artikolu 214, f'zewg kategoriji principali cioe dawk gravi u dawk hfif. Mbaghad f'l-artikoli sussegwenti hemm elenkati dawk l-offizi li jistghu jaqghu taht kull kategorija[122] u l-piena ghal kull kategorija. L-artikolu 216 fil-fatt "kull" ma jaghmel hu li jaghti definizzjoni ta' offiza gravi u jistabbilixxi l-piena f'kaz li xi hadd jinstab hati ta' offiza fuq il-persuna li tkun ta' natura gravi. Pero biex il-Qorti tapplika l-artikolu 216, u cioe biex tistabbilixxi li offiza hija gravi u sussegwentement timponi l-piena stabbilita ghal dik il-kategorija ta' offizi, l-ewwel trid tkun waslet ghall-konkluzjoni li l-imputat huwa hati ta' offiza fuq il-persuna u cioe li huwa *minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f 'mohhha.*

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti hija kostretta li tippronunzja ruhha (cioe ssib htija jew tillibera) dwar dawk ir-reati

---

[122] Fil-verita ghandek ukoll sub-kategoriji ghaliex ma'l-offiza gravi hemm ukoll 'l hekk imsejjha " offiza gravissima" u ma' l-offiza hafifa hemm ukoll dik 'l hekk imsjha "di poco conto".

ipotizzati f'l-artikoli tal-Ligi kwotati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali; la darba l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu 214 l-imputati qatt ma jistghu jinstabu hatja li *minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gibulha disordni f 'mohhha.* Minghajr ma tistabillixxi din il-htija l-Qorti ma tistax' tipprocedi biex tapplika l-artikolu 216.

Illi ghalhekk id-dsatax (19) u l-erbgha u tletin (34) il-imputazzjoni migjuba kontra AH1 u AF1 rispettivament ma jistghux jirrizultaw.

**L-imputazzjonijiet dwar serq u ricettazzjoni**

Illi imputazzjonijiet dwar serq hemm diversi migjuba kontra assortiment differenti ta' imputati.

Illi l-imputazzjonijet huma s-segwenti:

- Fil-konfront ta' AH1 wahdu: serq minn diversi karozzi a dannu ta' persuni mhux maghrufa[123].
- Fil-konfront ta' AH1 wahdu: serq, aggravat bil-valur u l-hin, ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita barranija[124].
- Fil-konfront ta' AK1 wahdu: serq semplici ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia a dannu ta' BE1[125].
- Fil-konfront ta' AE1 wahdu: serq, aggravat bil-valur u l-hin, ta' imwejjed u siggijiet u oggetti ohra a dannu ta' *Stabbiliment*[126].
- Fil-konfront ta' AE1 wahdu: serq, aggravat bil-valur u l-hin, ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' persuna mhux maghrufa[127].

---

[123] L-imputazzjoni numru 18.
[124] L-imputazzjoni numru 21.
[125] L-imputazzjoni numru 23.
[126] L-imputazzjoni numru 27.
[127] L-imputazzjoni numru 28.

- Fil-konfront ta’ AI1, AG1, u AL1: serq, aggravat bil-valur u l-hin, ta’ telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta’ persuna ta’ nazzjonalita barranija[128].
- Fil-konfront ta’ AF1 wahdu: serq, aggravat bil-valur u hin, ta’ telefon cellulari a dannu ta’ BE1 u ta’ telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta’ persuna ta’ nazzjonalita barranija[129].
- Fil-konfront ta’ AE1 wahdu: ricettazzjoni[130]

Illi f’dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li b’l-eccezzjoni ta’ l-kaz li jikkoncerna persuna ta’ nazzjonalita barranija hadd mill-vittmi ta’ dawn l-episodji ta’ serq irrapporta l-akkadut lill-pulizija[131]. Wiehed pero jrid izomm f’mohhu li l-pulizija hija obbligata li tmexxi *ex officio* malli jirrizulta li seta’ gie kommess ir-reat ta’ serq.

Illi x’inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta’ serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem[132] li

*our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro*

Illi dwar il-hames element, dak intenzjonali il-Qorti ta’l-Appell Kriminali[133] stabbilit li

*Issa kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta’ dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara [op.cit. Vol. I , para. 2035]:-*

---

128 L-imputazzjoni numru 33.
129 L-imputazzjoni numru 36.
130 L-imputazzjoni numru 29.
131 Jew jekk sar rapport dan ma ngiebx a konjizzjoni tal-Qorti.
132 Notes on Criminal Law Vol II pagna 269.
133 Ref Pulizija vs John Galea deciza 31/01/2003.

*“il dolo specifico del furto consiste nell’intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll’uso della cosa altrui.” u “per lucro qui non s’intende un’ effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso.”*

*u l-Crivellari jghid :-*

*“L’elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia’ col solo animo di prendere ma coll’animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*“The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus “lucrum” in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one’s self....”*

*u l-Maino fil-”Commento al Codice Penale” Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*“il profitto...deve intendersi cosi’ nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell’ampio senso della parola.”*

*u aktar ‘ isfel :-*

*“...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso.”*

*Umbaghad il-Cassazione ta’ Ruma ukoll irriteniet li :-*

*“Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecitoche si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata.” [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

Illi stabbilit dan il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra kull wahda mill-imputazzjonijiet dwar serq.

**Serq minn diversi karozzi a dannu ta' persuni mhux maghrufa**

Illi t-tmintax (18) il-imputazzjoni, li hija migjuba fil-konfront ta' AH1, taddebitah bir-reat ta' serq, minghajr ma tispecifika ta' xiex, minn diversi karozzi.

Illi mid-depozizzjoni ta' BM1[134] jirrizulta li kien hemm okkazzjoni meta AK1 (il-AK2) kien qal lil BH1 biex tiehu xi rimmijiet tar-roti ta' karozza pero hi ma riditx; hi u BH1 telqghu 'l hemm. Xi hames minuti wara l-istess xhud rat lil AI1 (il-AI2) bir-rimmijiet f'idejh sejjer ghand AE1 (il-AE2). Din hija l-unika xhud li ssemmi dan l-episodju; hija fir-rakkont taghha f'l-ebda hin ma taghmel xi referenza ghall-imputat AH1 li ghalhekk ma jistghax jinghad li kien involut.

Illi fid-depozizzjoni taghha[135] BC1 tghid li kien hemm okkazzjoni meta AH1 (AH3) seraq xi *hubcaps* u wara tefaghhom f'ghalqa. Anke ix-xhud BD1 fid-depozizzjoni taghha[136] tghid li kienet rat lil AH1 (AH3) jiehu xi *hubcaps* minn karozza li kienet hdejn il-*pitch* tal-bocci u wara ratu jitfaghhom f'ghalqa.

Illi mill-atti ma jirrizultaw l-ebda provi ohra li b'xi mod jistghu jinkwadraw ruhhom f'l-imputazzjoni issa in ezami u li jirreferu ghal serq minn karozzi.

Illi minn dawk il-fatti li attwalment jirrizultaw u li huwa hawn fuq deskritti l-Qorti hija sodisfatta li AH1 kien ha *hubcaps* mill-karozza li kienet ipparkjata hdejn il-*pitch* tal-bocci.

---

[134] A fol 444/5.
[135] A fol 526.
[136] A fol 556.

Illi r-reat addebietat lill-imputat AH1 ai termini tac-citazzjoni u n-nota tar-rinvju ghall-gudizju ta' l-Avukat Generali huwa dak ta' serq aggravat bil-valur u il-hin.

Illi ai termini ta'l-artikolu 267 ta'l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-aggravju tal-valur jissussisti meta l-valur globali ta' l-oggetti misruqa jeccedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghn centezmu (€232.94). Mill-provi prodotti ma jirrizultax x'valur kellhom il-*hubcaps* misruqa u allura jekk jeccedux din ic-cifra. Konsegwentement l-aggravju tal-valur ma giex pruvat.

Illi ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-aggravju tal-hin jissussisti meta s-serq jitwettaq bejn inzul u tlugh ix-xemx. Mill-provi prodotti ma jirrizultax x'hin sehh dan ir-reat. Ix-xhieda BC1 u BD1 jaghtu dettalji tal-fatti pero ma jghidux x'hin sehhew il-fatti li huma rrakkontaw. Konsegwentement lanqas l-aggravju tal-hin ma jirrizulta pruvat.

Illi ghalhekk, u b'referenza ghal din it-tmintax (18) il-imputazzjoni, mill-provi prodotti r-reat li jirrizulta pruvat fil-konfront ta' l-imputat AH1 huwa dak minuri ta' serq semplici predispost f'l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kompriz u involut fir-reat aktar gravi ta' serq aggravat indikat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

## Serq ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita barranija

Illi jibda biex jinghad li hemm tlett imputazzjonijiet dwar serq ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita barranija: l-wiehed u ghoxrin (21) wahda migjuba fil-konfront ta' AH1 wahdu; it-tlieta u tletin (33) il-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' AI1, AG1 u AL1; u s-sitta u tletin (36) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' AF1 wahdu[137].

[137] Is-sitta u tletin imputazzjoni li hija migjuba kontra AF1 biss, tinkludi ukoll episodju iehor ta' serq a dannu ta' BE1 liema reat ser jig trattat aktar 'l isfel.

Illi l-unika prova dwar xi episodju li jista’ jinkwadra ruhhu f’xi wahda minn dawn l-imputazzjonijiet tirrizulta mid-depozizzjoni ta’ BM1[138]. Din tirrakkonta li darba fi zmien il-festa kien hemm mara ingliza, fis-sakra, u AI1 (il-AI2), AL1 u AG1 hadulha l-flus li kellha fil-portmoni kif ukoll il-*mobile.* BM1 tkompli tirrakkonta li t-tlett guvintur imbaghad telqu ‘l hemm ma’ din il-mara ingliza u eventwalment gew lura wahedhom. Ftit wara regghet giet din l-istess mara ingliza flimkien mal-pulizija u l-guvintur tawha l-*mobile* lura.

Illi hadd mix-xhieda l-ohra ma jaghmel referenza ghal xi fatti li b’xi mod jistghu jinkwadraw ruhhom f’dawn it-tlett imputazzjonijiet. Pero d-depozizzjoni ta’ BM1 ma thalli l-ebda dubbju dwar il-fatt li t-tlett imputati AI1 (il-AI2), AL1 u AG1 serqu flus u telefon cellulari a dannu ta’ din il-persuna, mara ingliza.

Illi fid-depozizzjoni taghha BM1 ma taghmel l-ebda referenza ghal AH1 jew AF1 ghalhekk, anke kieku l-Qorti kellha tikkoncedi li l-imputazzjonijiet numru wiehed u ghoxrin (21), tlieta u tletin (33) u sitta u tletin (36)[139] qed jirreferu ghall-istess episodju, xorta m’hemm l-ebda prova li b’xi mod tista’ timplika lil AH1 u/ jew lil AF1 f’l-akkadut.

Illi ghalhekk il-wiehed u ghoxrin (21) il-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ AH1 ma gietx pruvata u lanqas ma giet pruvata s-sitta u tletin (36) il-imputazzjoni migjuba kontra AF1 in kwantu tirreferi ghal serq a dannu ta’ persuna ta’ nazzjonalita barranija.

Illi r-reat addebietat lill-imputati AI1, AG1 u AL1 ai termini tac-citazzjoni u n-nota tar-rinvju ghall-gudizju ta’ l-Avukat Generali huwa dak ta’ serq aggravat bil-valur u il-hin.

Illi kif diga ntqal ai termini ta’l-artikolu 267 ta’l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-aggravju tal-valur jissussisti meta l-valur globali ta’ l-oggetti misruqa jeccedi mitejn u tnejn u

[138] A fol 444.
[139] Din l-ahhar imputazzjoni in kwantu qed tirreferi ghal serq a dannu ta’ persuna ta’nazzjonalita barranija u mhux ghal serq ta’ persuna mhux maghrufa.

tletin Euro u erbgha u disghn centezmu (€232.94). Mill-provi prodotti ma jirrizultax x'tip ta' mobile kien dak li nsteraq u wisq anqas kemm kien jiswa; lanqas ma gie stabbilit kemm kien l-ammont ta' flus li ttiehed mill-portmoni ta' din il-persuna ingliza. Konsegwentement l-aggravju tal-valur ma giex pruvat.

Illi ai termini ta' l-artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-aggravju tal-hin jissussisti meta s-serq jitwettaq bejn inzul u tlugh ix-xemx. Pero mill-provi prodotti ma jirrizultax x'hin kien meta sehh dan ir-reat. Ix-xhud BM1 taghti dettalji tal-fatti pero qatt ma qalet x'hin kien, imqar approssimattivament meta sehhew il-fatti li hija rrakkontat. Konsegwentement lanqas l-aggravju tal-hin ma jirrizulta pruvat.

Illi ghalhekk, u b'referenza ghal din it-tlieta  u tletin (33) il-imputazzjoni, mill-provi prodotti r-reat li jirrizulta pruvat fil-konfront ta' l-imputati AI1, AG1 u AL1 huwa dak minuri ta' serq semplici predispost f'l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kompriz u involut fir-reat aktar gravi ta' serq aggravat indikat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali.

**Serq ta' telefon cellulari a dannu ta' BE1**

Illi hawn ukoll ghandu jigi rilevat li hemm zewg imputazzjonijiet li jirreferu ghal serq ta' telefon cellulari a dannu ta' BE1.

Illi l-ewwel wahda hija t-tlieta u ghoxrin (23) il-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' AK1 li tirreferi ghal serq semplici ta' telefon cellulari tal-marka Nokia a dannu ta' BE1.

Illi t-tieni imputazzjoni hija s-sitta u tletin (36) wahda migjuba fil-konfront ta' AF1. Ai termini tac-citazzjoni r-reat li bih gie addebietat AF1 huwa ta' serq, aggravat bil-valur u l-hin, ta' telefon cellulari a dannu ta' BE1.

Illi provi dwar dan ir-reat jirrizultaw mid-depozizzjoni ta' l-istess BE1 u mid-depozizzjoni ta' BD1.

Illi BE1[140], ghall-mistoqsija jekk qatt xi hadd serqilha xi haga, tghid li kienet qeghda f'kazin mal-klikka u kienet qed tizfen u ma tafx x' sar minnu l-mobile taghha. Hija tghid li dan kien mobile tal-marka Samsung, kien ilu ghandha xi tlieta / erbgha xhur u kien jiswa l-ekwivakenti ta' Lm75.00. BE1 ma qalitx x'hin kien meta gara dan.

Illi BD1, da parti taghha, tirrakkonta[141] li kien hemm okkazzjoni meta kienu qeghdin f'kazin; kien hemm AI1 (il-AI2) u AK1 (il-AK2). Meta BE1 kienet qed tizfen, dak il-hin kellha il-mobile fuq il-mejda, AK1 (il-AK2) ha il-mobile u dahhlu fil-but; malli ghamel hekk hu u AI1 telqu 'l barra. L-imsemmija BE1 ukoll ma qalitx x'hin kien meta graw dawn il-fatti.

Illi hadd mix-xhieda l-ohra ma jaghmel referenza ghall-xi fatti li b'xi mod jistghu jinkwadraw ruhhom f'dawn l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Illi kif diga ntqal ai termini tat-tlieta u ghoxrin (23) il-imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni r-reat addebietat lil AK1 huwa ta' serq semplici ta' telefon cellulari tal-marka Nokia a dannu ta' BE1. Ntqal ukoll li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali hemm referenza ghall-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirreferu ghal serq aggravat bil-valur u l-hin.

Illi pero mill-provi prodotti jirrizulta li l-valur tat-telefon kien ta' hamsa u sebghin liri Maltin (Lm75) ghalhekk l-aggravju tal-valur ma jirrizultax; u m'hemmx prova li dawn il-fatti graw bejn inzul u tlugh ix-xemx ghalhekk lanqas l-aggravju tal-hin ma jirrizulta.

Illi in oltre jirrizulta ukoll li t-telefon ta' BE1 kien wiehed ta' tip Samsung u li konsegwentment il-mobile li ha AK1 kien wiehed ta' tip Samsung. Hu pero gie akkuzat li seraq mobile ta' tip Nokia u l-Qorti hija kostretta tippronunzja

[140] Ref depozizzjoni a fol 657.
[141] Ref depozizzjoni a fol 556.

ruhha fuq l-imputazzjoni kif dedotta; ma ngibet l-ebda prova li AK1 seraq mobile ta' tip Nokia.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li din it-tlieta u ghoxrin (23) il-imputazzjoni li hija migjuba fil-konfront ta' AK1 giet pruvata.

Illi s-sitta u tletin (36) il-imputazzjoni migjuba kontra AF1 tirreferi ghal serq ta' telefon cellulari da parti ta' AF1 a dannu ta' BE1.

Illi l-unici provi dwar is-serq ta' telefon cellulari a dannu ta' BE1 jirrizultaw mid-depozizzjoni ta' l-istess BE1 u ta' BD1; fid-depozizzjoni taghhom m'hemm l-ebda referenza ghal AF1 f'dan il-kuntest.

Ill ghalhekk lanqas ma jistghax jinghad li s-sitta u tletin (36) il-imputazzjoni (in kwantu tirreferi ghal serq ta' telefon cellulari a dannu ta'BE1) giet pruvata.

**Serq ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' peruna mhux maghrufa**

Illi t-tmienja u ghoxrin (28) il-imputazzjoni, li hija migjuba kontra l-imputat AE1, taddebitah bir-reat ta' serq, aggravat bil-valur u hin, ta' telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta' persuna mhux maghrufa.

Illi l-mod kif inhi formulata din l-imputazzjoni (in kwantu tirreferi ghal serq a dannu ta' persuna mhux maghrufa) huwa differenti minn dak ta'l-imputazzjonijiet numru wiehed u ghoxrin (21), tlieta u tletin (33), u sitta u tletin (36) li jirreferu ghal serq a dannu ta' persuna ta' nazzjonalita barranija (ghalkemm hi ukoll mhux maghrufa); il-Qorti necessarjament ghandha tassumi li t-tmiena u ghoxrin il-imputazzjoni (issa in ezami) tirreferi ghal fatti u episodji distinti minn dawk li wasslu ghat-tlett imputazzjonijiet l-ohra (li kienu jikkoncernaw vittma ta' nazzjonalita barranija).

Illi f'dan ir-rigward u ghal kull buon fini jigi rilevat li l-unika xhud (BM1) li tat informazzjoni dwar is-serq a dannu ta'persuna ingliza m'ghamlet l-ebda referenza ghall-imputat AE1 in konnessjoni ma' dak is-serq.

Illi l-unika prova ohra li tirrizulta mill-atti u li ghadha ma ttiehditx in konsiderazzjoni s'issa mill-Qorti u li tirrigwarda serq[142] hija dik li tirrizulta mid-depozzjoni ta' BP1. Din tirrikkonta[143] li darba AI1 (il-AI2) seraq *mobile* u tah lill-imputata AA1 biex izzommulu; dan il-*mobile* kien ta' certu wiehed jismu *Persuna*. In oltre BO1[144] tirrakkonta li darba minnhom AA1 u AI1 (il-AI2) marru fuqha u AA1 talbitha biex izzomm *mobile* li kien ghadu kemm seraq AI1; skond BO1, AA1 qaltilha li l-*mobile* kien serqu AI1 minghand certu wiehed jismu *persuna*.

Illi f'dawn il-fatti m'hemm xejn li huwa attribwibbli lill-imputat AE1, u f'nuqqas ta' xi prova ohra li tikkoncerna serq it-tmienja u ghoxrin (28) il-imputazzjoni issa in ezami ma tirrizultax pruvata.

## Serq mill-istabbilliment *Stabbiliment*

Illi l-persuna li kienet tiggestixxi l-istabbiliment *Stabbiliment* f'*Omissis*, fiz-zmien in ezami, certu *persuna*, fid-depozizzjoni tieghu jghid li jiftakar li kien hemm okkazzjoni meta kien hemm mejda bajda u meta hareg ma rahiex aktar. *Persuna* qal ukoll li dwar dan l-akkadut m'ghamilx rapport lill-pulizija; in oltre meta l-ufficjal prosekutur urih mejda u siggijiet (dan meta kien baghat ghalih fil-kors ta' din l-investigazzjoni) huwa identifikahom bhala identici ghal li kellu pero ma setghax jghid b'gurament li kienu propju dawk lil naqsu minn ghandu.

Illi mill-atti jirrizulta li f'xi okkazjoni fis-sajf tas-sena 2004 kien hemm okkazzjoni meta BB1, BA1, u BH1 kienu qeghdin ma' uhud mill-imputati ghand l-istabbiliment

---

[142] Fil-verita hemm referenza ukoll ghal serq ta' bettiegha u qubbajt da parti ta' AG1 u ta' AF1 (xhieda BC1 a fol 526, BD1 a fol 556, u BJ1 a fol 639/640).
[143] A fol 591/2.
[144] A fol 715.

*Stabbiliment*. BB1 tirrakkonta li hekk kif kienu qeghdin hemm rat lil AE1 (il-AE2), lil AH1 (AH3), lil AF1 u lil AK1 (il-AK2) jiehdu zewg imwejjed, siggijiet, u l-affarijiet ta' fuq il-mejda (tray teapot ecc)[145]. BA1 tghid li kienu qeghdin grupp ghand il-*Stabbiliment*, fosthom kien hemm AE1 (il-AE2), AF1, AH1 (AH3), u AI1 (il-AI2). Meta dawn l-erbgha telqu bejnitehom hadu zewg imwejjed, zewg siggijiet, tray u teapot[146]. Da parti taghha BH1 tirrakkonta li darba kienu qeghdin il-*Stabbiliment* meta kien hemm AE1 (il-AE2), AK1 (il-AK2), AF1, AH1 (AH3) u AI1 (il-AI2). Hi rathom jiehdu zewg imwejjed, siggijiet tray u t-teapot[147]. Fil-waqt li BB1 u BA1 t-tnejn qalu ukoll li eventwalment kienu fid-dar ta' AE1 u raw dawn l-oggetti misruqa ghandu, BH1 tghid li meta kienu qed jiehduhom semghethom jiftehmu (qabel ma hadu l-affarijiet imsemmija) biex jitiltqu jigru bihom ghand AE1 (il-AE2).

Illi ghal kull buon fini ghandu jinghad li meta kien qed jixhed AE1 ammetta li ha mejda u siggu minghand il-*Stabbiliment* u fil-waqt li rrakkonta li x'uhud mill-oggetti intremew jammetti ukoll li dak li ma ntremiex spicca fid-dar tal-velleggjatura tal-familja tieghu f' *Omissis*. Huwa anke rritorna mejda u siggu lill-pulizija.

Illi f'dan l-istadju ghadu jigi rilevat li l-imputazzjoni in ezami ngiebet biss fil-konfront ta'l-imputat AE1 ghalhekk indipendentment minn dak li jirrizulta fil-konfront ta'l-imputati AF1, AI1, AK1 u AH1 il-Qorti tista' tippronunzja ruhha biss fil-konfront ta' AE1.

Illi mill-provi kif fuq esposti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li AE1 seraq imwejjed u siggijiet a dannu ta'l-istabbiliment *Stabbiliment*.

Illi ai termini tac-citazzjoni kif komparata man-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat AE1 hija dik ta' serq agravat bil-valur u l-hin.

---

[145] Ref depozizzjoni a fol 336 u 349.
[146] Ref depozizzjoni a fol 423.
[147] Ref depozizzjoni a fol 775.

Illi dwar l-aggravju tal-valur l-unika haga li tirrizulta mill-provi hija li dawn l-imwejjed u siggijiet kienu tal-*plastic*; ma jirrizultax ta' liema materjal kienu it-tray u t-teapot. Lanqas ma jirrizulta l-valur ta' dawn l-oggetti; u sidhom *persuna* ma ta l-ebda informazzjoni dwar il-valur taghom. La darba ma jirrizultax li dawn l-affarijiet kienu jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghn centezmu (€232.94) ma jistghax jinghad li l-aggravju tal-valur gie pruvat.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax x'hin kien meta sehh dan ir-reat; hadd mix-xhieda hawn fuq imsemmija[148] ma specifika x'hin graw il-fatti li huma kienu qed jirrakkontaw. In oltre fid-depozizzjoni taghha BB1[149] tirrakkonta il-gurnata tipika taghha hekk: *nqum fil-hdax immur il-Stabbiliment maghhom* (hawn kienet qed tirreferi ghall-klikka in generali)*, nidhol id-dar x'is-saghtejn, niekol, nerga' nohrog mmur bahar maghhom, nerga mmur id-dar, ninhasel u nerga' nohrog maghhom  il-gnien….* F'dawn il-kwadru ta' fatti lanqas ma jista' jinghad li l-aggravju tal-hin gie pruvat.

Illi ghalhekk, u b'referenza ghal din is-sebgha u ghoxrin (27) il-imputazzjoni, mill-provi prodotti r-reat li jirrizulta pruvat fil-konfront ta' l-imputat AE1 huwa dak minuri ta' serq semplici predispost f'l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, kompriz u involut fir-reat l-aktar gravi ta' serq aggravat indikat fin-notata' rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

## Ricettazzjoni

Illi r-reat ta' ricettazzjoni huwa addebietat lill-imputat AE1 permezz tad-disgha u ghoxrin (29) il-imputazzjoni.

Illi in vista' tal-multiplicita ta' episodji ta' serq li jirrizltaw f'dawn il-proceduri u f'nuqqas ta' xi kjarifika da parti ta'l-ufficjal prosekutur il-Qorti ma' tistax tassumi li din l-

[148] *Persuna*, BB1, BA1 u BH1, BB1 kif ukoll AE1.
[149] A fol 335.

imputazzjoni ta’ricettazzjoni ngiebet biss bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ serq addebietati lill-istess imputat AE1. Ghalhekk bil-fors ikollha tezaminha ukoll bhala imputazzjoni indipendenti minn dik ta’ serq.

Illi fil-fehma taghha l-Qorti ghandha tibda billi taghmel referenza ghad-depozizzjoni ta’ BH1. Din, b’referenza ghall-oggetti misruqa mill-istess AE1 mill-istabbiliment *Stabbiliment* spjegat kif taf li dawk l-oggetti ttiehdu ghand AE1[150]; hija pero tghid ukoll “*… kull haga li kienu jiehdu kwazi kollox ghal post tal-AE2*”. Din mhiex prova sufficjenti ta’ ricettazzjoni. Biex jissussisti r-reat ta’ ricettazzjoni l-ewwel irid jigi identifikat l-oggett allegatament akkwistat permezz ta’ reat iehor, imbaghad irid jigi pruvat b’mod konkret li dan l-oggett kien fil-pussess tal-persuna inkriminata.

Illi fil-konfront ta’ AE1 ingiebu zewg imputazzjonijiet ta’ serq; wahda mill-istabbiliment *Stabbiliment* u l-ohra dwar telefon cellulari u flus kontanti a dannu ta’ persuna mhux maghrufa.

Illi AE1 nstab hati ta’l-imputazzjoni dwar serq minghand l-istabbiliment *Stabbiliment*; ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni in kwantu alternattiva ghal dik li tirreferi ghal dan is-serq.

Illi AE1 ma nstabx hati tas-serq ta’ teleon cellulari u flus kontanti. Pero mill-provi akkwizieti ma jirrizultax li AE1 qatt gie f’pussess ta’ xi telefon cellulari jew flus kontanti li mhux tieghu. Ghalhekk l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni in kwantu tirreferi ghat-telefon cellulari u flus kontanti misruq lill-persuna mhux maghrufa u imsemmija fit-tmienja u ghoxrin (28) imputazzjoni (migjuba kontra l-istess AE1) ma tirrizultax.

Illi ghall-istess raguni lanqas ma tirrizulta l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni in kwantu tirreferi ghall-telefon cellulari li kien

[150] A fol 775.

jappartjeni lill-persuna ta’ nazzjonalita ingliza[151], ghall-flus li gew misruqa minghand din l-istess persuna ta’nazzjonalita barranija, kif ukoll in kwantu tirreferi ghat-telfon cellulari li gie misruq a dannu ta’ BE1.

Illi oggetti ohra li jirrizulta li nsterqu kienu l-*hubcaps* ta’ xi vettura; dawn pero intremghu f’ghalqa minn AH1 stess (il-persuna li serqiethom) ftit wara. Minbarra hekk hadd ma allega, u wisq anqas gie pruvat, li dawn il-*hubcaps* qatt kienu fil-pussess ta’ AE1.

Illi mill-atti jirrizulta ukoll episodju li kien jikkoncerna tehied ta’rimmijiet; episodju li kien jinvolvi lil AK1 (il-AK2) u lil AI1 (il-AI2). BM1 qalet[152] li ftit wara li AK1 talab li BH1 biex tiehu ir-rimmijiet[153] rat l-istess rimmijiet f’idejn AI1 (il-AI2), u skond hi hadhom ghand AE1 (il-AE2). BM1 pero ma tghidx li rat ir-rimmijiet ghand AE1 u lanqas ma tghid x’sar minn dawn ir-rimmijiet; b’mod partikolari ma tghidx li hija taf li AE1 zammhom.

Illi in vista’ ta’ dan u f’nuqqas ta’ xi kwlaunkwe prova konkreta ma jirrizultax li l-disgha u ghoxrin (29) il-imputazzjoni dwar ricettazzjoni migjuba fil-konfront ta’ AE1 giet pruvata.

**L-imputazzjonijiet dwar falsifikazzjoni ta’ flus u uzu ta’ flus foloz**

Illi jibda biex jinghad illi fic-citazzjoni kien hemm sitt imputazzjonijiet li jitrattaw il-falsifikazzjoni ta’ flus; dawn kienu s-segwenti:

*40. Talli ffalsifikaw xi biljetti jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati, u cioe karti tal-ghaxar liri, li kienu jafu li huma foloz;*

---

151 Mill-provi fil-fatt jirrizulta li dan inghata lura lil sidu ftit tal-hin wara li nsteraq.
152 Ref depozizzjoni a fol 445.
153 Kif diga ntqal BH1 rrifjutat li tiehu r-rimmijiet u hi flimkien ma’ AM1 telqu ‘l hemm.

*41. Talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonveoli xtraw jew ircievew minghand xi persuna jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom, biljetti ta' flus falsifikati li kienu jafu li l-istess kienu foloz u cioe karti tal-ghaxar liri maltin, li kienu jafu li l-istess huma falsifikati;*
*42. Talli ghamlu uzu jew xjentement kellhom fil-kustodja jew l-pussess taghhom, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala dik provduta w uzata ghal ghemil ta' xi biljett ta' flus jew ta' xi karta specjali tali;*
*43. Talli xjentement kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom xi karta li fuqha xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponenti ohra jkunu gew stampati jew b'xi mod iehor maghmula;*
*44. Talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti falsifikati u cioe karti tal-ghaxar liri maltin foloz;*
*45. Talli xjentement ghamlu uzu minn flus foloz;*

Illi fic-citazzjoni dawn l-imputazzjonijiet ingiebu kontra:
- AJ1;
- AF1;
- AE1; u
- AG1.

Illi permezz ta' dawn l-imputazzjonijiet u dejjem ai termini tac-citazzjoni dawn l-erbgha imputati gew addebietati bir-reati ipotizzati rispettivament f'l-artikoli 45(1), 46, 47(a) u 47(e) tal-Kaptilou 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta u f'l-artikoli 189 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq[154] l-Avukat Generali, fin-nota tieghu ta' rinviju ghal-gudizju[155], meta elenka l-artikoli tal-Ligi a bazi ta' liema tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat AE1 naqas li jsemmi xi wiehed mill-artikoli hawn fuq indikati; ghalhekk il-Qorti ikollha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront ta' AE1.

[154] Fil-parti tas-sentenza fejn saru xi konsiderazzjonijiet generali dwar l-imputazzjonijiet.
[155] A fol 1039 et seq.

Illi f'l-istess nota ta' rinviju ghall-gudizzju, meta l-Avukat Generali elenka l-artikoli tal-Ligi a bazi ta' liema tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-imputati AJ1, AF1 u AG1 huwa semma' biss l-artikoli 45 tal-Kapitolu 204 u l-artikoli 169 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ghal dak li jirrigwarda dawn it-tlett imputati l-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni biss l-erbghin (40), l-erbgha u erbghin (44) u l-hamsa u erbghin (45) il-imputazzjoni u jkollha bil-fors tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erghbin (41), it-tnejn u erbghin (42) u t-tlieta u erbghin (43) il-imputazzjoni.

Illi jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet issa in ezami fuq dak li qalu BA1, BG1, BE1, u BO1.

Illi BA1 fid-depozizzjoni taghha tirrakkonta[156] li rat lill-imputati AE1 (il-AE2) u AF1 bi flus foloz u li kienu jqabbdu xi zaghzagh biex jixtrulhom bi flus foloz; hi qalet li kienet taf li foloz ghax jekk tiflihom sew tinduna. Aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni taghha[157] l-istess xhud regghet ikkonfermat li ghalkemm dawn il-flus qatt ma gew f'idejha hi setghet tinduna li kienu foloz. Hi tirrakkonta ukoll li darba fi zmien ir-regatta l-istess AF1 u AE1 pruvaw juzawhom go hanut u sid il-hanut kienet ser tirraporta lill-pulizija. Tghid ukoll li kien hemm okkazzjoni meta l-istess zewg imputati qalu li l-pulizija kienu arrestawhom in konnessjoni ma' flus foloz.

Illi BG1 tirrakkonta[158] episodju, fi zmien ir-Regatta ukoll, meta marru il-*Omissis* u rat lill-imputat AG1 jghaffeg karta ta' Lm10.00; saqsietu x'kien qed jaghmel pero ma qallha xejn. Eventwalment rat lil *AG1* jidhol fil-klabb tal-bocci tal-*Omissis* u wara ftit johrog irrabjat. BG1 tghid li "*imbaghad sirt naf li kienet falza ghalhekk beda jghaffigha u ma sarrafilhomx*". Din ix-xhud ma qalet xejn dwar kif saret taf dan kollu.

---

[156] A fol 426.
[157] A fol 436/7.
[158] A fol 474.

Illi BE1 da parti taghha tirrakkonta[159] li darba AF1 kien taha ghaxar liri jew hames liri biex tmur issarrafha f'hanut pero sid il-hanut ma sarrfithielix ghax kienet falza. Hi tghid ukoll li ma kenitx irrealizzat li falza.

Illi x-xhud l-ohra BO1 tghid[160] li kien okkazzjoni meta AF1 baghatha biex issarrafflu ghaxar liri; maret ghand il-*omissis* u bdiet issaqsi lin-nies pero dawn ma sarrfuhieliex ghax bdew jghidulha li falza. Anke BO1 tghid li hi ma kenitx irrealizzat li kienet falza.

Illi f'l-atti m'hemm l-ebda prova ohra li b'xi mod tista' tintuza in sostenn ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami; b'mod partikolari ma tressqux il-pulizija li allegatament investigaw lil AF1 u AE1, ma tressqux il-gesturi tal-klabb tal-bocci tal-*Omissis* u tal-*Omissis*. Aktar minn hekk ma jidhirx li gew elevati xi flus, possibilment foloz, minghand AF1, AJ1 u AG1.

Illi in oltre d-depoizzjoni ta' BG1, BE1 u BO1 ma jistghux jitqiesu bhala prova tal-falsita tal-flus ghaliex huma inizjalment (meta l-imputat koncernat tahom il-flus) ma kienux jafu li l-flus kienu foloz, u lanqas giehom is-suspett li kienu foloz. Huma qed jasserixxu li l-flus kienu foloz a bazi ta' dak li ntqal lilhom mis-sidien ta'l-istabbilimenti fejn marru jsarrfu l-flus; dawn pero ma ngibux bhala xhiedha biex jikkonfermaw huma li l-flus kienu foloz ghalhekk f'dan l-aspett id-depozizzjoni ta' BG1, BE1 u BO1 hija *hearsay* u ghalhekk ma mhiex prova ammissibli.

Illi dan ifisser li l-unika prova in sostenn ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami hija d-depozizzjoni ta' BA1.

Illi kif jirrizulta mill-kunsiderazzjonijiet dwar l-apprezzament tal-provi aktar 'l fuq fis-sentenza, fil-mankanza tal-corpus delicti l-Qorti tista' tghaddi biex issib htija purche l-provi indizjarji jkunu sufficjenti biex jikkonvincu 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reati ta'l-imputati.

[159] A fol 685.
[160] A fol 719.

Illi pero fil-fehma tal-Qorti d-depozizzjoni ta’ BA1 wahedha mhiex sufficjenti biex tipprova fil-grad rikjest mill-Ligi l-elementi kollha rikjesti biex jissussistu r-reati in ezami. Konsegwentement ma jistghax jinghad li l-imputazzjonijiet numru erbghin (40), erbgha u erbghin (44) u hamsa u erbghin (45) gew sodisfacjentement pruvati.

**L-imputazzjonijiet dwar sewqan minghajr licenzja u minghajr kopertura ta’ polza ta’ assigurazzjoni**

Illi l-imputazzjonijiet ta’ sewqan minghajr licenzja u minghajr kopertura ta’ polza ta’ assigurazzjoni huma migjuba kontra tlieta mill-imputati:

- AK1[161];
- AE1[162]; u
- AF1[163].

Illi jirrizulta li AK1 ghalaq tmintax il-sena f’l-4 ta’ Lulju 2004, AE1 ghalaq tmintax il-sena fid-9 ta’ Mejju 2004 fil-waqt li AF1 ghalaq tmintax il-sena fit-23 ta’ April 2007.

Illi jirrizulta ukoll li AK1 gab il-licenzja ghas-sewqan fit-12 ta’ Ottubru 2004, AE1 gab il-licenzja f’l-4 ta’ Novembru 2004 fil-waqt li sal-5 ta’ Jannar 2005 AF1 kien ghadu ma gabx il-licenzja.

Illi mix-xhieda kollha prodotti tlieta biss isemmu sewqan da parti ta’ dawn it-tlett imputati; dawn ix-xhieda huma BB1, BA1, u BP1.

Illi mid-depozizzjoni ta’ BB1 jirrizulta li din ix-xhud rat kemm lil AK1 (il-AK2) kif ukoll lil AE1 (il-AE2) isuqu vettura fis-sajf tas-sena 2004; mhux biss rathom isuqu imma anke rikbet fil-karrozza ta’ AE1 u AK1.

Illi BA1 ukoll qalet li rat lil AE1 u lil AK1 (il-AK2) isuqu[164].

[161] L-imputazzjonijiet bin-numru 24 u 25.
[162] L-imputazzjonijiet bin-numru 30 u 31.
[163] L-imputazzjonijiet bin-numru 37 u 38.

Illi BP1 tghid li AK1 (il-AK2) kellu karozza u li ratu jsuqha u tghid li AE1 ukoll kien isuq. Fil-konfront ta' AF1 tghid li kien gab karozza *Isem* pero rid jirrangaha; mistoqsija kienx isuqha din il-karozza tghid li ma tafx.

Illi dwar AE1 (il-AE2) BO1 ghalkemm ma tghidx li kien qed isuq taghmel referenza ghal meta kienet fil-karozza tieghu. Fil-verita AE1 jammetti fid-depozizzjoni tieghu li missieru kien xtralu karozza u minkejja li kien ghadu ma gabx il-licenzja huwa kien isuq din il-karozza f'*Omissis*.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li fil-waqt li fil-konfront taz-zewg imputati AE1 u AF1 l-imputazzjonijiet in ezami jirreferu generikament ghal sewqan, fil-konfront ta' AK1 l-imputazzjonijiet jirreferu specifikatament ghal sewqan ta' *Isem*.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta li xi hadd ra lil AF1 isuq, jekk kif ma jirrizultax li xi hadd ra lil AK1 isuq *Isem*. Huwa veru li it-tlett xhieda hawn fuq imsemmija raw lil AK1 isuq imma hadd ma qal li huwa kien qed isuq *Isem* u la darba l-imputazzjoni tirreferi specifikatament ghal sewqan ta' *Isem*, huwa dan li kellu jigi pruvat u mhux sewqan in generali. La darba ma gietx pruvata l-imputazzjoni ta' sewqan minghajr licenzja fil-konfront ta' dawn iz-zewg imputati lanqas ma tista' tirrizulta l-imputazzjoni ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni ghaliex din l-imputazzjoni hija konsegwenzjali ghall-ohra.

Illi pero mill-provi prodotti f'dan ir-rigward u anke fuq ammissjoni tieghu waqt li kien qed jiddeponi l-imputazzjoni ta' sewqan minghajr licenzja tirrizulta fil-konfront ta' AE1.

Illi dwar l-imputazzjoni ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni ghal xi zmien kien hemm sentenzi

---

[164] Ta min wiehed jirrileva li f'l-ewwel parti tad-depozizzjoni (a fol 424) din ix-xhud semmiet persuni ohra li rat isuqu u dawn huma AJ1 u AC1 (hu il-AB2). A fol 434 tad-depozizzjoni taghha hija tghid li AJ1 beda jsuq wara li qatghu minn maghhom pero hemm kienet qed tirreferi ghal AJ1 ghaliex il-mistoqsijijet li kienu qed isirulha mill-Qorti f'dak l-istadju kienu jirreferu ghal AJ1. Anke BB1 qalet fid-depozizzjoni taghha li AJ1 beda jsuq f'Settembru 2004 (a fol 361).

kunfliggenti fuq dan il-punt fis-sens li mentri fil-gurisprudenza prevalenti kienet stabbilita l-prezunzjoni li persuna li m'ghadhiex licenzja ghas-sewqan mhiex koperta b'polza ta' assigurazzjoni[165], f'xi sentenzi ohra, bhal per ezempju Pulizija vs Charles Galea[166] gie deciz li

*una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat. …*

*… fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiva prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, … jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti. Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta flartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-artikolu 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.*

Illi pero dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminli f'sentenza mghotija f'l-4 ta' Frar

[165] Ref Pulizija vs Krista Cassar Appell Kriminali deciz 19/09/2006 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[166] Appell Kriminali deciz 07/05/2007.

2011[167] qalet hekk, anke b'referenza diretta ghas-sentenza hawn fuq kwotata:

*Ghar-rigward ta'l-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni kontra riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur ta'l-artikolu 3(1A). Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinsjonijiet li saru … fis-sentenzi … Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni fis-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta … min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Din id-dispozizzjoni  ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforzi biex id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 3(1A) tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni ta'l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu 104 ghaliex iz-zewg dispozizzjonijiet jirregolaw sitwazzjonijiet differenti. L-artikolu 3(1A) jirregola*
*x'jigri f'proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1)*
*mentri l-artikolu 10(1) ta'l-istess Kapitolu jirregola r-rizarciment*
*mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm f'l-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 104 il-pozizzjoni li hemm f'l-artikolu 3(1A) tibqa mhuz mittiefsa u cioe li fil-proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 kemm il-darba l-imputat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg f'l-artikolu  3(1) imsemmi.*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea ukoll li dak li huwa projbit permezz ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 mhux sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni imma sewqan ta' vettura minn persuna kemm il-darba ghall-uzu minn dik il-persuna ma jkunx

[167] Ref Pulizija vs Andre Apap.

hemm fis-sehh polza ta' assikurazzjoni liema prova trid tingieb mill-imputat.

Illi konsegwentement anke din l-imputazzjoni fil-konfront ta' AE1 giet pruvata.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet bin-numru erbgha u ghoxrin (24), hamsa u ghoxrin (25), sebgha u tletin (37) u tmienja u tletin (38) ma gewx pruvati fil-waqt li l-imputazzjonijiet bin-numru tletin (30) u wiehed u tlettin (31) gew sodisfacjentement pruvati.

## L-imputazzjonijiet ta' natura kontravvenzjonali

Illi mic-citazzjoni jirrizultaw zewg imputazzjonijiet ta' natura kontravvenzjonali: is-sebgha (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet li permezz taghhom l-imputati kollha qed jigu akuzati li f'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kienu gherwenin jew ma kenux liebsin xierqa u li f'post pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kienu fis-sakra.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imputat AB1 ammetta dawn iz-zewg imputazzjonijiet ukoll; il-Qorti qed tqis din l-ammissjoni bhala prova sufficjenti in sostenn ta'l-istess imputazzjonijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li minbarra AB1 kien hemm xi imputati li kien jinzaw jew jikxfu il-partijiet genitali taghom b'mod li jistghu jitqiesu li ma jkunux libsa xieraq fil-pubbliku[168]; in oltre kien hemm dawk l-imputati li nezghu f'postijiet pubblici jew accessibbli ghall-pubbliku biex ikollhom rapporti sesswali ma' uhud mit-tfaljiet[169]. Ghalhekk minbarra AB1 s-segwenti imputati ukoll nezghu fil-pubbliku: dawn huma AA1, AD1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1 (il-AI2), AK1, AL1, u AN1.

---

[168] Ref depozizzjoni BB1 a fol 339, 346, 347; BG1 a fol 471; BC1 a fol 518, BF1 a fol 540; BD1 a fol 555; BI1 a fol 569; BK1 a fol 693; BO1 a fol 711; u BH1 a fol 774.

[169] Uhud mill-episodji li gew trattati fil-konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet fuq stupru.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta fir-rigward ta' dawn l-imputati biss mhux fil-konfront ukoll ta' AC1, AJ1, u AM1.

Illi l-ahhar imputazzjoni hija dik li permezz taghha l-prosekkuzzjoni qed tallega li l-imputati kollha kienu fis-sakra f'post pubbliku; din hija s-sebgha (7) imputazzjoni.

Illi din l-imputazzjoni hija amessa minn AB1. Mill-provi kollha prodotti m'hemm l-ebda prova li tindika li l-imputati l-ohrajn jew min minnhom qatt kien fis-sakra. Ghalhekk s-sebgha (7) imputazzjoni fil-waqt li tirrizulta fil-konfront ta' l-imputat AB1 fuq ammissjoni tieghu, ma tirrizultax pruvata fil-konfront ta'l-imputati l-ohra kollha.

**L-imputazzjonijiet pruvati**

Illi in succint:

**L-ewwel (1) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta':
AA1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BA1, BF1 u BO1
AB1 kif dedotta
AC1 kif dedotta
AD1 in kwantu tierreferi ghal BK1
AE1 in kwantu tirreferi ghal BJ1, BO1 u BE1
AF1 in kwantu tirreferi ghal BN1, BM1, BC1, BE1 u BK1
AG1 in kwantu tirreferi ghal BM1, BN1 u BK1
AH1 in kwantu tirreferi ghal BI1, BJ1 u BO1.
AI1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BC1, BI1, BK1, BM1, BN1, BJ1, BO1, BE1 BP1
AK1 in kwantu tirreferi ghal BO1
AL1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BI1, BN1, BD1 u BJ1
AM1 kif dedotta
AN1 in kwantu tirreferi ghal BC1, BD1, BP1

U ma tirrizultax fil-konfront ta' AJ1

**It-tieni (2) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta'
AA1 in kwantu tirreferi ghal in kwantu tirreferi ghal BB1, BA1, BF1 u BO1
AB1 kif dedotta
AC1 in kwantu tirreferi ghal BB1 u BE1
AD1 in kwantu tirreferi ghal BB1
AE1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BO1, BE1, BJ1 u BH1
AF1 in kwantu tirrefri ghal BN1, BM1, BC1, BE1, BK1 u BH1
AG1 in kwantu tirreferi ghal BM1, BN1, BH1 u BK1.
AH1 in kwantu tirreferi ghal BI1, BJ1, BO1 u BH1
AI1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BC1, BI1, BK1, BA1, BN1, BI1, BO1 u BE1
AJ1 in kwantu tirreferi ghal BB1 u BA1
AK1 in kwantu tirreferi ghal BB1 u BH1
AL1 in kwantu tirreferi ghal BB1, BI1, BN1, BD1 u BJ1
AM1 kif dedotta
AN1 in kwantu tirreferi ghal BC1, BD1 u BH1

**It-tielet (3) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta' l-imputati kollha

**Ir-raba (4) imputazzjoni** ma tirrultax

**Il-hames (5) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta' AA1, AB1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AJ1, AK1, AL1, u AN1; u ma tirrizultax fil-konfront ta' AC1, AD1, u AM1.

**Is-sitt (6) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta' AA1, AB1**,** AD1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AK1, AL1, u AN1; u ma tirrizultax fil-konfront ta' AC1, AJ1 u AM1.

**Is-sebgha (7) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfornt ta' l-imputat AB1.

**It-tmien (8) imputazzjoni** giet pruvata fil-konfront ta' AA1 in kwantu tirreferi ghal BA1, BG1, BF1 u BP1; tirrizulta ukoll fil-konfront ta' AB1, AE1, AF1, AG1, AH1, AI1, AJ1, AK1, AL1, u AN1 u dan fir-rigward ta' BP1. Din l-

imputazzjoni ma tirrizultax pruvata fil-konfront ta' AC1, AD1, u AM1.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta**d-disgha (9) imputazzjoni** migjuba kontra AA1.

**L-ghaxar (10) imputazzjoni** migjuba kontra AA1 tirrizulta in kwantu tirreferi ghal BA1

**Il-hdax il-imputazzjoni** migjuba kontra AA1 ma tirrizultax

**It-tnax il-imputazzjoni** migjuba kontra AA1 ma tirrizultax

**It-tlettax il-imputazzjoni** migjuba kontra AA1 ma tirrizultax

**L-erbatax il-imputazzjoni** migjuba kontra AB1, AI1 u AE1 tirrizulta pruvata fil-konfront ta' AI1 u AE1

**Il-hmistax il-imputazzjoni** migjuba kontra AH1, AB1 u AA1 tirrizulta pruvata kif dedotta

**Is-sittax il-imputazzjoni** migjuba kontra AI1 u AG1 ma tirrizultax

**Is-sbatax il-imputazzjoni** migjuba kontra AN1 u AB1 ma tirrizultax

**It-tmintax il-imputazzjoni** migjuba kontra AH1 tirrizulta in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici

**Id-dsatax il-imputazzjoni** migjuba kontra AH1 ma tirrizultax

**L-ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AH1 tirrizulta pruvata kif dedotta

**Il-wiehed u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AH1 ma tirrizultax pruvata

**It-tnejn u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AK1 ma tirrizultax

**It-tlieta u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AK1 ma tirrizultax

**L-erbgha u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AK1 ma tirrizultax

**Il-hamsa u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AK1 ma tirrizultax

**Is-sitta u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 tirrizulta pruvata kif dedotta

**Is-sebgha u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 tirrizulta pruvata in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici

**It-tmienja u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 ma tirrizultax

**Id-disgha u ghoxrin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 ma tirrizultax

**It-tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 tirrizulta pruvata kif dedotta

**Il-wiehed u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AE1 tirrizulta pruvata kif dedotta

**It-tnejn u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AI1, AG1 u AL1 ma jirrizultax

**It-tlieta u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AI1, AG1 u AL1 tirrizulta pruvata in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici

**L-erbgha u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AF1 ma tirrizultax

Il-Qorti qed tiddikajra l-procediment ezawriet fir-rigward **tal-hamsa u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AF1

**Is-sitta u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AF1 ma tirrizultax

**Is-sebgha u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AF1 ma tirrizultax

**It-tmienja u tletin il-imputazzjoni** ma migjuba kontra AF1 tirrizultax

**Id-disgha u tletin il-imputazzjoni** migjuba kontra AD1 ma tirrizultax

**L-erbghin imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1 ma tirrixulax fil-konfront ta' AJ1, AF1 u AG1; il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha in kwantu tirreferi ghal AE1.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri **tal-wiehed u erbghin imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri **tat-tnejn u erbghin il- imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri **tat-tlieta u erbghin il- imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1

**L-erbgha u erbghin imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1 ma tirrizultax

**Il-hamsa u erbghin imputazzjoni** migjuba kontra AJ1, AF1, AE1 u AG1 ma tirrizultax

**Is-sitta u erbghin imputazzjoni** migjuba kontra AB1 tirrizulta kif dedotta.

Illi dwar il-piena hemm diversi osservazzjonijiet li ghandhom isiru.

Illi jibda biex jinghad li l-piena imposta fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati trid tirrifletti l-involviment specifiku tieghu f’dan il-kaz u n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati. Il-Qorti ma tistax tippenalizzahom ghal dak li jahsbu n-nies li ghamlu jew ghal dak li allegat fuqhom il-prosekuzzjoni. Il-Qorti trid titratta ma’l-imputati ghal dawk r-reati li gew pruvati fil-konfront taghhom wara li tiehu diversi l-fatturi in konsiderazzjoni.

Illi in oltre ghalkemm din hija kawza wahda l-Qorti ma tistax titratta ma’l-imputati kollha b’l-istess mod; anzi l-Qorti trid necessarjament titratta maghhom b’mod differenti u dan ghal diversi ragunijiet. F’l-ewwel lok huma mhux kollha qed jinstabu hatja ta’ l-istess reati u anke fejn hemm x’uhud li qed jinstabu hatja ta’ l-istess reati, l-atti li huma wettqu biex il-Qorti walset ghas-sejbin ta’ htija huma differenti u mhux necessarjament ta’ l-istess gravita; anke c-cirkostanzi li fihom twettqu l-atti inkriminanti huma differenti.

Illi naturalment il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali aggornata ta’ kull wiehed mill-imputati; ta’ hafna hija netta u anke fejn hemm kundanni fil-bicca l-kbira huma ghal reati mhux mill-aktar gravi.

Illi fattur iehor huwa l-eta ta’ l-imputati: b’ l-eccezzjoni ta’ AJ1 l-imputati kollha kienu minorenni meta sehhew ir-reati in ezami. F’dan ir-rigward ghandu jigi precizat li tlieta mill-imputati ghalqu tmintax il-sena fil-perjodu li matulu kienu qed isehhu r-reati in ezami. Ai termini tac-citazzjoni l-atti inkriminanti sehhew bejn Mejju u Ottubru 2003 u Mejju u Novembru 2004;  AC1 ghalaq tmintax fit-18 ta’ Marzu 2004, AE1 fid-9 ta’ April 2004 u AK1 f’l-4 ta’ Lulju 2004.

Illi hadd mix-xhieda ma jaghti xi indikazzjoni, imqar approssimattiva, ta’ meta sehhew il-fatti li kienu qed jirrakkontaw[170]. Uhud mix-xhieda ghamlu referenza b’mod generiku ghas-“sajf li ghadda” (huma kienu qed jiddeponu f’l-ahhar tas-sena 2004) pero erbgha minnhom (BB1,

[170] L-unika xhud li darba tat data preciza kient BP1 b’referenza ghal xi okkazzjoni meta kellha x’taqsam ma’ AI1.

BE1, u BA1) jghidu li huma bdew jiltaqghu f'din il-klikka mis-sajf 2003. In vista tal-fatt li l-Qorti ma tistax tistabilixxi ezattament meta sehhew r-reati li taghhom qed jinstabu hatja AC1, AE1 u AK1, u in vista tal-fatt li in dubbio pro reo, l-Qorti ser ikollha tapplika l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-imputati kollha hlif AJ1 li kien ghalaq it-tmintx il-sena f' Mejju 2003; ai termini ta'l-imsemmi artikolu 37 il-piena prevista ghal kull reat ghandha tonqos bi grad jew tnejn.

Illi ghandu jinghad li ai termini ta' l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 li huwa applikabbli ghal kaz in ezami fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati il-piena prevista ghal kull reat kontinwat tista' tizdied bi grad jew tnejn.

Ili l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll is-Social Inquriy Reports li gew prezentati fil-konfront ta' hafna mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata **AA1 hatja** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal korruzzjoni ta' BB1, BA1, BF1 u BO1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal attentat ghal pudur ta' BB1, BA1, BF1 u BO1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni, is-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal BA1, BG1, BF1 u BP1; ta' l-ghaxar imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BA1; u tal-hmistax il-imputazzjoni, u taghhom tikkundannaha **tmintax il-xahar prigunerija** . Il-Qorti fil-waqt li qed **tastjeni** milli tiehu konjizzzjoni ulterjuri tad-disgha imputazzjoni, qed issib lill-imputata **AA1 mhux hatja** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 338(q) 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **AB1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni, tas-sebgha

imputazzjoni, tat-tmien imputazzjoni, tal-hmistax il-imputazzjoni, u tas-sitta u erbghin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sentejn prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AB1 mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AC1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1 u BE1; u tat-tielet imputazzjoni u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AC1 mhux hati** ta'l-imputazzjzonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom,

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **AD1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BK1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1; tat-tielet imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AD1 mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AE1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BJ1, BO1 u BE1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BJ1, BO1, BE1, BB1 u BH1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; ta'l-erbatax imputazzjoni; tas-sitta u ghoxrin imputazzjoni; tas-sebgha u ghoxrin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici; tat-tletin imputazzjoni; u tal-wiehed u tletin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sentejn prigunerija u tissospendih minn kull licenzja tas-**

**sewqan ghal perjodu ta' sena**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-erbghin, il-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, it-tlieta u erbghin, l-erbgha u erbghin, u l-hamsa u erbghin imputazzjoni, qed issib lill-imputat **AE1 mhux hati** tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AF1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrreferi ghal BC1, BE1, BK1, BM1 u BN1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirrreferi ghal BC1, BE1, BK1, BM1, BN1 u BH1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal BP1, u taghhom tikkundannah **sena prigunerija**. Il-Qorti fil-waqt il tiddikjara il-**procediment ezawriet** fir-rigward tal-hamsa u tletin imputazzjoni u fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **AF1 mhux hati** ta'l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AG1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BM1, BN1 u BK1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BM1, BN1, BK1 u BH1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici u taghhom tikkundannah **sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **AG1 mhux hati** ta'l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)

tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **AH1 hati** ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BI1, BJ1 u BO1; tat-tieni imputazzjoni  in kwantu tirreferi ghal BI1, BJ1, BO1 u BH1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; tal-hmistax imputazzjoni; tat-tmintax imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta’ serq semplici; u l-ghoxrin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AH1 mhux hati** ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli  18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **AI1 hati** ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1, BC1, BE1, BI1, BJ1, BK1, BM1, BN1, BO1 u BP1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1, BC1, BE1, BI1, BJ1, BK1, BM1, BN1, u BO1u; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; ta’l-erbatax imputazzjoni; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta’ serq semplici, u taghhom tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AI1 mhux hati** ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli  18, 207, 209, 249, u 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **AJ1 hati** tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1 u BA1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1 taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **AJ1 mhux hati** ta’l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu  u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AK1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BO1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1 u BH1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AK1 mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberaha minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249 u 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AL1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1, BD1, BI1, BJ1 u BN1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BB1, BD1, BI1, BJ1 u BN1; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici u taghom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputatat **AL1 mhux hati** ta'l-iputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra trieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **AM1 hati** ta' l-ewwel imputazzjoni; tat-tieni imputazzjoni; u tat-tielet imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AM1 mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-imputat **AN1**

**hati** ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BC1, BD1 u BP1; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BC1, BD1, u BH1; tat-tielet imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal BP1 u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **AN1 mhux hati** ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom

Il-Qorti, biex tipprotegi lill-vittmi u peress li l-imputati kollha, hlif ghal AJ1, kienu minorenni meta twettqu r-reati in ezami, tordna id-diviet tal-publikazzjoni ta’ isem il-partijiet kollha f’din il-kawza (inkluz ta’ AJ1) kif ukoll id-divulgazzjoni ta’ kwalunkwe informazzjoni li tista’ twassal ghall-identita tal-vittmi u dan f’kwalunkwe forma ta’ mezz ta’ komunikazzjoni u/jew stampa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------